IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2020
COM(2020) 618 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Aġġornament dwar is-Sorveljanza Msaħħa - il-Greċja, Settembru 2020

{COM(2020) 618 final} - {SWD(2020) 208 final}

SFOND

L-iżviluppi ekonomiċi u l-politiki fil-Greċja huma mmonitorjati b'konformità mas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika kif ukoll mal-qafas tas-sorveljanza msaħħa skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013([1]). L-implimentazzjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja ([2]) tirrikonoxxi li l-Greċja jeħtiġilha tkompli timplimenta miżuri biex tindirizza s-sorsi jew is-sorsi potenzjali tad-diffikultajiet ekonomiċi u finanzjarji, filwaqt li timplimenta riformi strutturali biex tappoġġa tkabbir ekonomiku sod u sostenibbli.

Is-sorveljanza msaħħa tipprovdi qafas komprensiv għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi u għall-eżerċizzju tal-politiki meħtieġa biex jiġi żgurat irkupru ekonomiku sostenibbli. Din tippermetti li ssir valutazzjoni regolari tal-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji reċenti fil-Greċja, kif ukoll li jsir monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tal-finanzjament sovran u aġġornamenti tal-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn. Is-sorveljanza msaħħa tipprovdi wkoll il-qafas għall-valutazzjoni tal-impenn ġenerali li ngħata lill-Grupp tal-Euro mill-Greċja fit-22 ta' Ġunju 2018, biex tkompli u tlesti r-riformi adottati skont il-programm tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u biex tiggarantixxi s-salvagwardja tal-objettivi tar-riformi importanti adottati b'konformità mal-programmi ta' assistenza finanzjarja. F'dan il-kuntest, is-sorveljanza msaħħa twettaq il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' impenji speċifiċi biex jitlestew ir-riformi strutturali ewlenin li bdew skont il-programm f'sitt oqsma ewlenin bi skadenzi miftiehma sa nofs l-2022, jiġifieri: (i) il-politiki fiskali u fiskali-strutturali, (ii) il-protezzjoni soċjali, (iii) l-istabbiltà finanzjarja, (iv) is-swieq tax-xogħol u tal-prodotti, (v) il-Korporazzjoni Ellenika tal-Assi u tal-Parteċipazzjonijiet u l-privatizzazzjoni, u (vi) il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika ([3]).

Dan huwa s-seba' rapport dwar is-sorveljanza msaħħa tal-Greċja. Ir-rapport jissejjes fuq is-sejbiet ta' missjoni li saret mill-bogħod fit-13-14 ta' Lulju 2020 u fuq djalogu regolari mal-awtoritajiet. Il-missjoni tmexxiet mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew ([4]); il-Fond Monetarju Internazzjonali pparteċipa fil-kuntest tal-qafas tiegħu ta' Monitoraġġ ta' wara l-Programm, filwaqt li l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà pparteċipa fil-kuntest tas-Sistema ta' Twissija Bikrija tiegħu u f'konformità mal-Memorandum ta' Qbil tas-27 ta' April 2018 dwar ir-relazzjonijiet ta' ħidma bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Ir-rapport attwali jivvaluta l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Greċja lejn il-Grupp tal-Euro fir-rigward tat-tlestija tar-riforma sa nofs l-2020. Dan ir-rapport mhuwiex marbut mar-rilaxx tas-sett li jmiss ta' miżuri tad-dejn kontinġenti għall-politika, li – f'konformità mal-iskeda biannwali miftiehma – jistgħu jsiru abbażi tat-tmien rapport. It-tmien rapport huwa mistenni li jiġi ppubblikat f'Novembru.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1142 tad-29 ta' Lulju 2020 dwar l-estensjoni tas-sorveljanza msaħħa għall-Greċja, ĠU L 248, 31.7.2020, pp. 20-23.

([3]) https://www.consilium.europa.eu/media/35749/z-councils-council-configurations-ecofin-eurogroup-2018-180621-specific-commitments-to-ensure-the-continuity-and-completion-of-reforms-adopted-under-the-esm-programme_2.pdf.

([4]) Il-persunal tal-BĊE pparteċipa fil-missjoni ta' rieżami skont il-kompetenzi tal-BĊE u b'hekk ipprovda għarfien espert dwar il-politiki tas-settur finanzjarju u l-kwistjonijiet makrokritiċi, bħall-miri fiskali ewlenin u s-sostenibbiltà u l-ħtiġijiet tal-finanzjament. Qabel il-missjoni ta' rieżami saret missjoni teknika, mill-bogħod ukoll, bejn it-2 u l-10 ta' Lulju 2020.

VALUTAZZJONI GLOBALI

Sal-lum, il-gvern Grieg irnexxielu jrażżan it-tixrid tat-tifqigħa tal-coronavirus u mmobilizza ammont kbir ta' miżuri biex jillimita l-kostijiet soċjoekonomiċi tagħha, iżda l-pandemija xorta għadha mistennija li jkollha impatt qawwi fuq l-ekonomija. Wara l-ewwel sett ta' miżuri ta' trażżin li damu sa Mejju, l-awtoritajiet aġġustataw ir-rigorożità tal-miżuri applikabbli għal setturi differenti skont l-iżvilupp tal-pandemija. Huma mmobilizzaw sett kbir ta' miżuri ta' appoġġ u rreaġixxew fil-pront għall-iżviluppi attwali, billi żiedu jew emendaw il-miżuri diġà fis-seħħ jew billi stabbilew mekkaniżmi ġodda ta' appoġġ għal setturi speċifiċi, hekk kif żviluppat il-pandemija. Madankollu, il-Greċja għad għandha l-ogħla rata ta' qgħad fl-UE u l-ekonomija tagħha x'aktarx li tiġi affettwata aktar minn dik ta' xi Stati Membri oħra, fid-dawl tas-settur turistiku kbir u, b'mod aktar ġenerali, is-sehem kbir tas-servizzi u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Minkejja ċ-ċirkostanzi avversi kkawżati mill-pandemija, il-Greċja għamlet progress sinifikanti f'għadd ta' riformi ewlenin matul dawn l-aħħar ftit xhur, b'mod partikolari l-finalizzazzjoni tal-proposta leġiżlattiva tant mistennija biex il-leġiżlazzjoni dwar l-insolvenza tinbidel kompletament. L-awtoritajiet introduċew ukoll skema ġdida u usa' ta' xogħol temporanju għal żmien qasir, li tipprovdi flessibbiltà lill-kumpaniji biex jaġġustaw is-sigħat tax-xogħol u kumpens lill-ħaddiema għas-sigħat li ma jaħdmux. Il-Kummissjoni, f'isem l-UE, se tipprovdi appoġġ għal din il-miżura u miżuri oħra ta' emerġenza skont l-istrument Ewropew il-ġdid għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) ([5]), għal ammont totali ta' EUR 2,7 biljun. Dawn il-passi kollha huma f'waqthom, hekk kif it-tifqigħa tal-coronavirus timplika sfidi ġodda kemm għas-settur finanzjarju kif ukoll għas-suq tax-xogħol, li jagħmlu r-rwol ta' mekkaniżmi ta' aġġustament effiċjenti wieħed kruċjali.

Barra minn hekk, sar progress tajjeb ukoll fl-oqsma ta':

- Ir-riforma tal-liċenzjar tal-investimenti, bit-tneħħija tas-sistema ta' klassifikazzjoni inkonvenjenti li ma kinitx għadha tgħodd u l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-attivitajiet ekonomiċi abbażi ta' kriterji ambjentali armonizzati mal-leġiżlazzjoni tal-UE, li hi mistennija li ttaffi b'mod sostanzjali l-piż fuq is-settur industrijali;

- Il-politika dwar l-enerġija, bid-dekummissjonar kontinwat tal-impjanti tal-linjite u l-progress fil-Mudell fil-Mira, għalkemm id-data tat-tnedija waqgħet lura; u,

- L-amministrazzjoni pubblika, li fir-rigwrad tagħha inizjattiva importanti għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtorità indipendenti inkarigata għall-għażla tal-uffiċjali pubbliċi laħqet stadju finali tal-adozzjoni, u l-proċess miftuħ tal-ħatra għall-maniġment superjuri fis-settur pubbliku se jiġi estiż aktar.

Il-gvern għamel ukoll progress tajjeb dwar riformi oħra, li mhumiex relatati speċifikament mal-impenji tal-Grupp tal-Euro iżda huma mistennija li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent tan-negozju u s-sentiment tal-investituri. Dan jinkludi riforma ambizzjuża tal-edukazzjoni vokazzjonali u avvanzi dwar il-governanza diġitali. Strateġija ġdida għat-tkabbir, li għandha tiġi finalizzata dalwaqt, hija mistennija li tippreżenta sett ta' miżuri ambizzjużi biex isostnu l-irkupru ekonomiku u t-tkabbir sostenibbli għall-futur. Barra minn hekk, l-awtoritajiet bdew jistabbilixxu l-miżuri miftiehma biex iħaffu l-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi, li se jkunu strumentali wkoll fl-appoġġ ta'

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020.

adozzjoni rapida tal-fondi tal-UE li se jsiru disponibbli taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid u Next Generation EU. B'mod partikolari, l-allokazzjoni sinifikanti ta' fondi mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li l-Greċja hija mistennija li tirċievi tenfasizza l-importanza li tipproċedi malajr b'riformi abilitanti ewlenin, inkluż ir-Riżerva ta' Proġetti Strateġiċi u l-Faċilità tat-Tħejjija tal-Proġetti, ir-riforma tal-akkwist pubbliku u t-tisħiħ ulterjuri tal-qafas kontra l-korruzzjoni.

Minkejja l-progress tajjeb, għadd ta' oqsma ta' politika ġew affettwati b'mod sinifikanti mit-tifqigħa tal-coronavirus, u f'xi każijiet dan żied mad-dewmien preċedenti. Il-pandemija u l-miżuri ta' trażżin relatati wasslu għal tfixkil ekonomiku mingħajr preċedent, li kien jeħtieġ aġġustament immedjat tal-prijoritajiet. It-tifqigħa tal-coronavirus affettwat b'mod sever il-kapaċità ta' implimentazzjoni ta' riformi, speċjalment f'oqsma li jiddependu fuq proċessi li jirrikjedu ħafna ħaddiema, il-ħidma ta' kumitati, u azzjonijiet leġiżlattivi jew ġudizzjarji. B'konsegwenza ta' dan, il-progress fir-riformi li kienu nbdew qabel, temporanjament waqaf f'għadd ta' oqsma, b'mod partikolari fl-ikklerjar tal-arretrati, fl-amministrazzjoni tad-dħul pubbliku, fil-kura tas-saħħa, fil-proġett tal-katast u fl-aġenda tal-privatizzazzjoni, u xi whud minnhom żiedu mad-diffikultajiet preċedenti fl-implimentazzjoni. Minkejja l-progress tajjeb f'għadd ta' inizjattivi leġiżlattivi, l-awtoritajiet għad iridu jtemmu wkoll xi whud mir-riformi relatati mas-settur finanzjarju.

Dan ir-rapport jikkonkludi li, minkejja ċ-ċirkostanzi avversi kkawżati mill-pandemija, li b'mod inevitabbli wasslu għal dewmien fl-implimentazzjoni ta' diversi azzjonijiet, il-Greċja għamlet progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-impenji ta' riforma tagħha. Huwa sodisfaċenti li l-progress fl-implimentazzjoni tal-impenji kollha reġa' beda, għalkemm id-dewmien minħabba l-pandemija inevitabbilment wassal għall-iskedar mill-ġdid ta' xi whud mill-impenji għal punt aktar tard fil-futur. L-awtoritajiet huma mħeġġa jkomplu jimmobilizzaw ir-riżorsi bil-ħsieb li jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiksbu l-kummenti speċifiċi dovuti fil-ħin għat-tmien rapport dwar is-sorveljanza msaħħa, li se joħroġ f'Novembru u li għalih huwa previst l-iżborż tas-sett li jmiss ta' miżuri tad-dejn kontinġenti għall-politika. Dan jirrikjedi l-impenn kontinwu tal-awtoritajiet Griegi, b'mod partikolari fl-oqsma tal-arretrati, il-kura tas-saħħa, il-privatizzazzjoni u s-settur finanzjarju, fejn huma meħtieġa aktar azzjonijiet.

ŻVILUPPI MAKROEKONOMIĊI

Il-pandemija tal-coronavirus u l-miżuri biex din titrażżan huma mistennija li jħallu impatt qawwi fuq l-ekonomija Griega. Il-miżuri stretti ta' trażżin neċessarji imposti mill-aħħar ġimgħa ta' Marzu sal-aħħar ta' Mejju huma mistennija li jkollhom l-akbar impatt fuq l-attività ekonomika fit-tieni trimestru ta' din is-sena. Is-setturi li ntlaqtu b'mod qawwi mill-pandemija, bħat-turiżmu u t-trasport, jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-esportazzjonijiet Griegi u tal-valur miżjud totali. Ir-rata tal-qgħad żdiedet għal 17 % f'Mejju, minn 15,9 % fi Frar, u b'hekk waqfet ix-xejra 'l isfel li kienet ilha mill-aħħar tal-2013. Il-miżuri ta' appoġġ għenu biex il-qgħad jibqa' kkontrollat s'issa, iżda hemm sinjali li qed jindikaw suq tax-xogħol "iffriżat". Introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi u profitti tal-korporazzjonijiet aktar baxxi flimkien ma' bidliet fl-imġiba tal-konsumaturi u l-inċertezza ġenerali huma mistennija li jaffettwaw ħażin id-domanda domestika. Il-prezzijiet għall-konsumatur huma mistennija jonqsu fl-2020 u jiżdiedu bi ftit fl-2021 flimkien mal-irkupru. B'mod ġenerali, l-attività ekonomika fl-2020 hija mistennija li tibqa' sew taħt il-livelli tal-2019 u mistennija tirkupra għalkollox biss fl-2022, wara rkupru parzjali fl-2021, bir-rati ta' tkabbir tal-PDG jilħqu -9 % fl-2020, u 6 % fl-2021.

Il-miżuri ta' appoġġ tal-gvern għenu biex jipproteġu l-ekonomija kontra ammont kbir ta' fallimenti u telf ta' impjiegi. It-taħlita ta' appoġġ tal-gvern permezz tat-tnaqqis tal-piż tat-taxxa b'EUR 3,1 biljun (1,9 % tal-PDG), il-protezzjoni tal-impjiegi u l-introjtu b'EUR 4,1 biljun (2,4 % tal-PDG), u t-tnaqqis tar-restrizzjonijiet tal-likwidità b'EUR 5,9 biljun (3,5 % tal-PDG) hija approċċ ibbilanċjat u hija mistennija li tkun strumentali biex tinżamm l-istruttura ekonomika u b'hekk tgħin lill-ekonomija tirkupra.

L-inċertezza dwar l-iżvilupp tal-pandemija u għalhekk l-impatt ekonomiku tagħha jibqgħu straordinarjament għoljin. L-inċertezza ma tikkonċernax biss il-pandemija u t-tixrid tagħha fil-Greċja u globalment, iżda wkoll il-miżuri futuri li jistgħu jkunu meħtieġa biex jitrażżan it-tixrid tal-virus, u l-effetti ekonomiċi fit-tul minħabba restrizzjonijiet, tibdil fl-imġiba tal-konsumatur, fallimenti u diffikultajiet possibbli għal dawk li reċentement sfaw qiegħda biex jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol. L-adozzjoni rapida tal-programmi ta' appoġġ il-ġodda tal-UE, b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tkun kruċjali biex tibbilanċja dawn l-effetti u tipprovdi l-appoġġ meħtieġ għar-riformi, l-investimenti u t-tkabbir. Il-valutazzjoni qed issir ukoll fl-isfond ta' tensjonijiet ġeopolitiċi konsiderevoli u żieda fil-flussi migratorji, li jżidu mal-inċertezza.

ŻVILUPPI U PROSPETTIVA FISKALI

Il-prospettiva fiskali għall-2020 iddeterjorat mill-aħħar rapport. Meta wieħed iqis it-tbassir interim tal-Kummissjoni Ewropea għas-sajf tal-2020 u l-miżuri ewlenin adottati minn Mejju 2020 biex jittaffew il-konsegwenzi tal-pandemija, id-defiċit primarju bħalissa huwa mistenni li jkun ta' madwar 5,8 % tal-PDG fl-2020. Dawn il-projezzjonijiet għadhom ma jinkludux l-impatt tad-deċiżjoni dwar il-pensjoni tal-Kunsill tal-Istat tal-14 ta' Lulju, u lanqas id-deċiżjoni pendenti tal-Qorti tal-Awdituri, li l-kost totali tagħha bħalissa huwa stmat li jlaħħaq 0,8 % tal-PDG. Se jitħejja aġġornament sħiħ tat-tbassir fiskali fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju għall-2021.

L-awtoritajiet estendew l-applikazzjoni ta' xi whud mill-miżuri preċedenti b'numru ta' xhur addizzjonali u adottaw miżuri temporanji ulterjuri biex jindirizzaw il-kriżi tal-coronavirus. Fid-dawl tal-adozzjoni sħiħa sa Lulju 2020 tal-pakkett previst ta' EUR 2 biljun ta' avvanzi ripagabbli lill-kumpaniji, il-gvern iddeċieda li jestendi l-miżura u li jiftaħ il-pjattaforma għat-tielet rawnd ta' applikazzjonijiet, li mistenni jseħħ f'Settembru, b'pakkett mistenni ta' EUR 1 biljun, u jista' jsegwi rawnd ieħor sa tmiem is-sena. Barra minn hekk, differimenti tat-taxxa u ta' ħlasijiet parzjali saru eliġibbli biex jitħallsu lura f'mhux aktar minn 24 pagament, minn Jannar 2021. Barra minn hekk, minn Mejju 2020, l-awtoritajiet adottaw sett ġdid ta' miżuri, li jinkludi: (1) id-dritt li jitnaqqsu l-pagamenti tal-avvanz għat-taxxi fuq l-introjtu korporattiv jew personali f'każ ta' tnaqqis partikolari fil-fatturat tal-kumpaniji u ta' dawk li jaħdmu għal rashom (impatt fiskali mistenni ta' 0,9 % tal-PDG fl-2020); (2) skema ta' xogħol għal żmien qasir u miżuri oħrajn immirati lejn is-sostenn tal-impjiegi (kost fiskali mistenni ta' 0,6 % tal-PDG fl-2020); (3) miżuri mmirati biex itaffu l-impatt fuq it-turiżmu permezz ta' programmi ddedikati ta' turiżmu soċjali u kampanja ta' reklamar estiża; (4) tnaqqis temporanju fir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud għat-trasport, ix-xorb, il-pakketti turistiċi u l-biljetti taċ-ċinema minn 24 % għal 13 %; u (5) l-introduzzjoni ta' skema temporanja ta' sussidju ta' pagamenti parzjali għal self ipotekarju, lill-konsumatur u lin-negozji ggarantit b'residenza primarja għad-debituri b'ipoteki fuq residenzi ewlenin li ġew affettwati finanzjarjament mill-pandemija tal-coronavirus. B'mod ġenerali, il-kost fiskali stmat ta' dawn il-miżuri addizzjonali huwa ta' 1,8 % tal-PDG fl-2020. Fit-12 ta' Settembru tħabbru miżuri temporanji addizzjonali biex isostnu l-irkupru s-sena d-dieħla u dawn se jiġu vvalutati fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju għall-2021.

L-awtoritajiet estendew ukoll il-miżuri meħuda qabel li jipprovdu appoġġ ta' likwidità lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti. Il-pakkett għall-kofinanzjament ta' self lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju mill-Bank Elleniku għall-Iżvilupp żdied b'EUR 588 miljun, għal total ta' EUR 838 miljun. Barra minn hekk, l-iskadenza għall-ħlas tat-taxxa fuq l-introjtu personali, it-taxxa fuq l-introjtu tal-kumpaniji u t-taxxa unika fuq il-proprjetà ġiet estiża (iżda mingħajr l-ebda impatt fuq il-bilanċ fiskali tad-dovuti).

L-awtoritajiet reġgħu bdew il-ħidma lejn it-tlestija tal-valutazzjoni mill-ġdid mal-pajjiż kollu tal-valuri tal-proprjetà, li jservu bħala bażi għat-taxxa unika fuq il-proprjetà (ENFIA), impenn speċifiku għal nofs l-2020 li l-finalizzazzjoni tiegħu issa ġiet skedata mill-ġdid għal nofs l-2021. Id-dewmien inevitabbli seħħ aktar kmieni fis-sena minħabba l-lockdown tal-coronavirus. Ix-xogħol tal-ġbir tad-*data* u tal-valutazzjoni tal-kwalità, li jwassal għad-determinazzjoni finali tal-prezzijiet għal żoni ta' valur eżistenti, huwa mistenni li jitlesta sal-aħħar tas-sena. Il-valutazzjonijiet tat-taxxa unika fuq il-proprjetà tal-ENFIA ta' din is-sena għalhekk se jkunu bbażati l-aktar fuq il-valuri preċedenti tat-taxxa fuq il-proprjetà. L-espansjoni ulterjuri tas-sistema taż-żoni ta' valur eżistenti madwar il-pajjiż kollu se jkollha bżonn tiġi indirizzata matul is-sena d-dieħla bi skadenza skedata mill-ġdid għal nofs l-2021.

L-inċertezza madwar it-tbassir fiskali tibqa' sostanzjali. L-evoluzzjoni tal-pandemija u l-miżuri ta' trażżin relatati jwasslu għal inċertezza sostanzjali madwar l-iżviluppi makroekonomiċi u, għalhekk, dawk fiskali. Minbarra l-pandemija tal-coronavirus li ilha għaddejja minn Marzu, il-Greċja qed tissielet ukoll ma' pressjonijiet relatati mal-migrazzjoni u ma' tensjonijiet ġeopolitiċi mġedda, li jistgħu jwasslu għal ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali. L-ambjent ekonomiku li sejjer għall-agħar joħloq riskji addizzjonali relatati mal-garanziji mill-Istat. Barra minn hekk, il-finanzi pubbliċi jkomplu jiffaċċjaw riskji fir-rigward tal-litigazzjoni li għaddejja kontra l-Kumpanija tal-Proprjetà Immobbli Pubblika, bil-kwistjoni tal-validità tal-għoti arbitrali reċenti tibqa' pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Ateni; il-pagament ta' obbligi tas-servizz pubbliku lill-Posta Ellenika, li jista' jseħħ fil-futur qrib; id-deċiżjoni pendenti tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kumpens retroattiv tal-pensjonanti tas-settur pubbliku kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Istat relatata mal-pensjonijiet supplimentari u mal-bonusijiet staġonali (ara hawn taħt). Mil-lat pożittiv, il-Greċja hija mistennija li tibbenefika bil-kbir minn faċilitajiet ġodda inkluż mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li għandha l-għan li tappoġġja investimenti u riformi fl-UE matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, u hija mistennija li tappoġġa t-tkabbir u l-finanzi pubbliċi fil-futur.

AMMINISTRAZZJONI TAD-DĦUL PUBBLIKU

Il-livelli tal-persunal fl-Awtorità Indipendenti għad-Dħul Pubbliku komplew jiżdiedu b'pass modest, għalkemm baqgħu ferm taħt il-miri (impenn speċifiku), filwaqt li sar progress limitat fir-riforma ġenerali tar-riżorsi umani. Il-livelli tal-persunal fl-aħħar tat-tieni trimestru kienu jammontaw għal 11 916, meta mqabbla mat-12 500 stabbiliti bħala l-mira sal-aħħar tal-2019. Barra minn hekk, l-awtoritajiet adottaw dispożizzjonijiet legali li rriżultaw fit-trasferiment ta' persunal mill-Awtorità Indipendenti għal korpi oħra, biex b'hekk l-ilħuq tal-miri tal-persunal stabbiliti saret aktar diffiċli. It-tlestija tar-riforma tar-riżorsi umani, li hija mistennija li tiffaċilita bil-kbir il-kapaċità tal-Awtorità Indipendenti li tattira u li żżomm il-persunal ta' kalibru għoli li teħtieġ, tiddependi fuq l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-grilja tal-pagi. L-istituzzjonijiet Ewropej ħeġġew lill-awtoritajiet biex jadottawha matul il-perjodu ta' rieżami li jmiss.

Sar progress imħallat fl-oqsma tal-qafas tal-IT tal-Awtorità Indipendenti u l-kwartieri ġenerali tagħha, b'passi ewlenin oħra mistennija li jiġu adottati fix-xhur li ġejjin. Tħejja

pjan direzzjonali għall-qafas tal-IT u t-tnedija tal-pjattaforma myDATA għaż-żamma tal-kotba b'mezzi elettroniċi u servizzi oħra tal-web offruti mill-Awtorità Indipendenti hija mistennija titlesta sa Ottubru 2020. L-ippjanar dwar ir-rilokazzjoni tal-kwartieri ġenerali tal-Awtorità indipendenti għal post wieħed jinsab għaddej. Is-sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' bini ġdid hija mistennija li titnieda sal-ewwel trimestru tal-2021.

Tħejja abbozz ta' liġi biex jissaħħaħ il-qafas kontra l-kuntrabandu, inklużi dispożizzjonijiet biex tissaħħaħ il-kapaċità operattiva taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Operazzjonijiet, u huwa mistenni li jiġi adottat sa Ottubru 2020. Il-kapaċità taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Operazzjonijiet, li jikkoordina l-isforzi kontra l-kuntrabandu, se tissaħħaħ permezz tal-introduzzjoni ta' proċess ta' għażla ġdid għall-uffiċjali li jestendi l-perjodu ta' sekondar sa sitt snin, filwaqt li l-istruttura tibqa' integrata b'mod sod fi ħdan l-Awtorità Indipendenti. Se jkun importanti li l-leġiżlazzjoni primarja u dik sekondarja jiġu adottati malajr, kif ukoll li jiġi żgurat li l-Awtorità Indipendenti ssib biżżejjed persunal sabiex tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha b'mod effiċjenti.

Ġie stabbilit kumitat temporanju għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar id-dejn relatat mat-taxxi taħt il-kompetenza tal-Ministeru għall-Finanzi. Skont id-dispożizzjonijiet adottati, il-mandat tal-kumitat jintemm sa Lulju 2021. Għalkemm is-soluzzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma huma mistennija li jtaffu l-piż fuq is-sistema ġudizzjarja, se jkun importanti li l-mandat tal-kumitat il-ġdid ma jiġix estiż, minħabba li jista' jkun hemm riskju li tiġi stabbilita sistema parallela għad-Direttorat għas-Soluzzjoni tat-Tilwim, li huwa parti mill-Awtorità Indipendenti.

Il-pandemija s'issa affettwat il-ġbir tad-dejn pubbliku b'mod limitat. Rigward il-ġbir tad-dejn relatat mat-taxxi, ir-riżultati għat-tieni trimestru għad iridu jiġu ppubblikati, iżda skont ir-riżultati preliminari ta' kull xahar għall-perjodu minn Jannar sa Mejju 2020, jidher li l-kultura tal-ħlas ġeneralment ma ġietx imfixkla b'mod sinifikanti. B'kuntrast għall-perjodi preċedenti, iċ-Ċentru Konġunt għall-Ġbir tad-Dejn tas-Sigurtà Soċjali ma ssodisfax il-miri tiegħu, li ġew stabbiliti qabel il-pandemija tal-coronavirus.

IL-ĠESTJONI TAL-FINANZI PUBBLIĊI

It-tifqigħa tal-coronavirus affettwat ir-ritmu tal-ikklerjar tal-arretrati, filwaqt li żiedet mad-diffikultajiet preċedenti fl-implimentazzjoni. F'Ġunju 2020, l-istokk ta' arretrati ammonta għal EUR 1,5 biljun, jiġifieri EUR 667 miljun aktar mill-miri stabbiliti fil-pjan ta' kklerjar adottat f'Ottubru 2019. Dawn l-iżviluppi jirriflettu biss parzjalment it-tfixkil fil-proċessi li jirrikjedu ħafna ħaddiema kkawżat mill-pandemija. Fost l-ixprunaturi ewlenin hemm żieda mhux mistennija fl-istokk ta' talbiet għal pensjoni mhux ipproċessati, li żżid l-ammonti li għandhom jiġu approvati sa nofs l-2021. L-awtoritajiet impenjaw ruħhom li jaġġornaw il-pjan tagħhom sal-aħħar ta' Ottubru 2020, b'informazzjoni dettaljata dwar l-ikklerjar tal-arretrati tal-pensjonijiet addizzjonali. Madankollu, xi miżuri strutturali kruċjali – inkluż l-awtomatizzazzjoni tal-ipproċessar u l-għoti tat-talbiet għal pensjoni l-ġodda kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tal-Fond Uniku tas-Sigurtà Soċjali (e-EFKA) – huma rrappurtati li huma ġeneralment fit-triq it-tajba. Barra minn hekk, l-awtoritajiet qed jadottaw u jimplimentaw sett ta' miżuri korrettivi addizzjonali f'diversi subsetturi biex ipattu għad-dewmien u biex iġibu l-implimentazzjoni tal-pjan ta' approvazzjoni lura fit-triq it-tajba. Dawn l-isforzi jiffukaw b'mod partikolari fuq l-oqsma tal-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-fondi extra-baġitarji kif ukoll fuq it-titjib tal-għodod tal-IT għall-monitoraġġ. L-awtoritajiet jistennew li l-impatt ta' dawn il-miżuri jkun viżibbli fid-*data* ta' Awwissu, li se tiġi vvalutata fir-rapport dwar is-sorveljanza msaħħa li jmiss.

Ir-riformi strutturali rrakkomandati mill-Qorti Ellenika tal-Awdituri jinsabu għaddejjin biex itejbu s-sistema ta' pagament, impenn speċifiku għal nofs l-2021. Għad fadal sfidi rigward id-diġitalizzazzjoni jew is-sistema ċentrali tal-akkwist tas-settur tas-saħħa. L-awtoritajiet qed jiffinalizzaw liġi ġdida, li se tkopri l-aspetti rilevanti kollha tal-kontroll intern madwar l-amministrazzjoni pubblika fi strument leġiżlattiv wieħed, u din hija pass sinifikanti 'l quddiem. Barra minn hekk, l-awtoritajiet qed ifasslu qafas ġdid tal-IT tal-kontabilità bil-għan li jtejbu l-proċessi tal-pagamenti.

L-awtoritajiet komplew jieħdu l-passi meħtieġa għall-istabbiliment sħiħ ta' Kont Uniku tat-Teżor biex jittejjeb il-monitoraġġ tal-flus filwaqt li l-progress fit-tbassir tal-flus ġie ttardjat minħabba l-pandemija tal-coronavirus, impenn speċifiku għal nofs l-2020. Is-sistema ta' Kont Uniku tat-Teżor qed topera u l-entitajiet li għadhom mhumiex parti mill-iskema mhumiex sinifikanti f'termini ta' likwidità totali. Il-Ministeru għall-Finanzi se jwettaq valutazzjoni tal-konformità tal-entitajiet mar-regoli dwar ir-riżerva ta' likwidità sal-aħħar ta' Ottubru 2020, li effettivament ittemm din il-parti tal-impenn speċifiku. L-awtoritajiet huma mħeġġa jistabbilixxu għodod apposta għall-monitoraġġ mill-qrib ta' entitajiet meqjusin li huma f'riskju. Is-sostituzzjoni tal-ordnijiet fuq il-karta b'dawk elettroniċi kompliet miexja 'l quddiem. B'kuntrast ma' dan, il-progress fuq il-proġett pilota attwali ta' tbassir tal-flus li għaddej bħalissa ġie ttardjat minħabba l-pandemija tal-coronavirus u se jiġi vvalutat mill-ġdid fir-rapport li jmiss

Ir-riforma tat-Tabella tal-Kontijiet, inklużi l-impenji għal nofs l-2021 u nofs l-2022, ġeneralment tinsab fit-triq it-tajba, iżda l-implimentazzjoni tagħha fil-Baġit għall-Investiment Pubbliku għadha sfida. L-akkwist tas-sistema l-ġdida tal-IT li tappoġġja r-riforma tat-Tabella tal-Kontijiet jinsab għaddej u l-awtoritajiet ħadu passi ulterjuri biex jappoġġaw il-progress f'din ir-riforma. Qed issir ħidma fuq il-klassifikazzjoni funzjonali tat-Tabella tal-Kontijiet, f'konformità mal-qafas tal-baġitjar abbażi tal-prestazzjoni. Qiegħed ukoll isir progress fuq l-implimentazzjoni tal-klassifikazzjonijiet tat-Tabella tal-Kontijiet fil-fażi tal-eżekuzzjoni tal-Baġit għall-Investiment Pubbliku, filwaqt li bħalissa għad hemm fis-seħħ klassifikazzjoni anqas dettaljata għall-fażi tat-tħejjija tal-baġit. L-awtoritajiet impenjaw ruħhom li jesploraw modi potenzjali għal titjib bl-għajnuna ta' appoġġ tekniku li se jiġi pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea.

L-awtoritajiet qed iħejju emenda leġiżlattiva biex jindirizzaw l-aktar kwistjonijiet urġenti fl-akkwist pubbliku u ħadu passi inizjali lejn l-adozzjoni ta' strateġija ġdida tal-akkwist pubbliku għall-2021-2025 li se tikkontribwixxi għal użu aktar sostenibbli u effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi. Il-coronavirus affettwa bil-kbir l-iskeda ta' żmien inizjali għall-adozzjoni tal-liġi, li hija ppjanata li tiġi adottata sal-aħħar ta' Ottubru. Din tindirizza għadd ta' kwistjonijiet importanti fil-qafas legali għall-akkwist pubbliku. L-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tagħha hija kruċjali minħabba li l-akkwist pubbliku se jkollu wkoll rwol essenzjali fil-ġestjoni effiċjenti tal-fondi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet huma mħeġġa jadottaw pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-qafas il-ġdid. Inħoloq kumitat taħt l-Awtorità Ellenika Unika tal-Akkwist Pubbliku li qed jaħdem bl-appoġġ tas-Segretarjat Ġenerali għall-Koordinazzjoni dwar l-istrateġija l-ġdida. Ġiet stabbilita skeda ta' żmien għall-finalizzazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi u ta' azzjoni sa Frar 2021.

L-awtoritajiet bdew jimplimentaw il-miżuri miftiehma biex jindirizzaw l-implimentazzjoni baxxa rikorrenti tal-baġit għall-investiment li kienet osservata fi snin preċedenti. Il-karatteristiċi u r-rwol tar-Riżerva ta' Proġetti Strateġiċi kif ukoll skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħha ġew miftiehma f'Lulju 2020. Din se tiġi stabbilita bħala

unità indipendenti kkoordinata mill-Presidenza tal-Gvern u se tittratta proġetti infrastrutturali prijoritarji ta' valur ta' aktar minn EUR 10 miljun. Il-Faċilità tat-Tħejjija tal-Proġetti se tgħin fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti. Il-kollokament u d-dettalji tagħha bħalissa qed jinħadmu. Se jkun importanti li jiġi żgurat li l-kollokament tagħha jissalvagwardja d-drittijiet u l-kompetenzi ta' istituzzjonijiet indipendenti stabbiliti. Dawn il-miżuri, inklużi l-passi għat-titjib tal-monitoraġġ u t-tbassir tal-baġit għall-investiment pubbliku, għandhom l-għan li jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli u li jaċċelleraw il-ġbid tal-fondi tal-UE u huma wkoll kruċjali biex jiżguraw l-użu effiċjenti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Filwaqt li l-implimentazzjoni tagħhom se tipprovdi għajnuna biss fuq medda ta' żmien medja, l-implimentazzjoni tal-baġit għall-investiment pubbliku din is-sena u fis-snin li ġejjin se tibbenefika wkoll minn żieda fl-infiq tal-fondi tal-UE peress li l-perjodu ta' programmazzjoni attwali qed jilħaq il-maturità u l-fatt li xi wħud mill-miżuri meħuda b'reazzjoni għall-pandemija huma ffinanzjati mill-baġit għall-investiment pubbliku.

Il-pjan ta' azzjoni tal-2019 biex jittejbu l-monitoraġġ u t-tbassir tal-Baġit għall-Investiment pubbliku qed jiġi implimentat kif skedat. Diġà qed isir skambju tad-*data* aktar frekwenti u mtejjeb bejn il-ministeri responsabbli u qed jiġu implimentati azzjonijiet oħra kif ippjanat. Minkejja li t-tifqigħa tal-coronavirus wasslet għal dewmien minuri, l-awtoritajiet qed jippjanaw li jassorbu kull dewmien fl-iskeda ta' żmien oriġinali.

FINANZJAMENT SOVRAN

Ir-rendimenti tal-bonds tal-gvern Grieg u d-differenza fir-rendimenti naqsu għal qrib ir-rati minimi ta' wara l-kriżi. Id-differenza fir-rendimenti tal-Bund Ġermaniż fuq il-bonds fit-tul naqset b'madwar 250 punt bażi mill-bidu ta' Mejju 2020 u stabbilizzat għal anqas minn punt perċentwali wieħed f'Awwissu għat-terminu ta' 5 snin. Billi bbenefikat mill-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli, sostnuti mix-xiri ta' titoli tal-gvern Grieg mill-Eurosistema, l-Aġenzija għall-Ġestjoni tad-Dejn Pubbliku ħarġet bond ta' 10 snin f'Ġunju 2020. Dan l-irkant tal-bonds infetaħ mill-ġdid b'suċċess f'Settembru 2020.

Il-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli u r-riżervi kbar ta' flus kontanti jipprovdu lqugħ biex jiġu assorbiti r-riskji ta' finanzjament, li għadhom konsiderevoli. Il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-baġit żdiedu b'mod sinifikanti mill-aħħar rapport, b'konsegwenza tal-ambjent makroekonomiku deterjorat, il-miżuri meħuda biex irażżnu l-kost ekonomiku tal-pandemija, kif ukoll il-pagament ta' kumpensi lill-pensjonanti (ara hawn taħt). Ir-riżervi ta' flus kontanti tal-gvern ġenerali, li fl-aħħar ta' Ġunju kienu aktar minn EUR 31 biljun, jibqgħu konsiderevoli. Il-preservazzjoni ta' bafer suffiċjenti ta' flus kontanti, flimkien mal-iżvilupp ta' strateġija ta' tkabbir, se jkunu strumentali fl-appoġġ tas-sentiment tal-investituri.

SERVIZZI SOĊJALI

L-awtoritajiet qed jagħmlu progress fit-tlestija tal-istabbiliment tal-Fond Uniku tas-Sigurtà Soċjali (EFKA), impenn speċifiku għal nofs l-2020. Fost oħrajn, it-trasformazzjoni diġitali tal-Fond f'"e-EFKA" hija mistennija li tiġi implimentata sal-aħħar tal-2020. L-ewwel stadju tal-fużjoni tas-settur pubbliku u l-funzjonijiet tal-pensjonijiet supplimentari diġà ġie implimentat u ċ-ċaqliq fiżiku tal-impjegati, inizjalment ittardjat mill-pandemija, għandu jitlesta sal-aħħar tas-sena. Għalhekk, l-impenn ġie pospost għall-aħħar tal-2020. Il-passi ta' segwitu, inkluż l-istabbiliment ta' ċerti uffiċċji reġjonali, għandhom jitlestew sa nofs l-2021. L-ipproċessar diġitali tal-applikazzjonijiet għal pensjoni bħalissa jinsab f'fażi pilota iżda l-awtoritajiet huma fiduċjużi li l-mira ta' 30 % tal-applikazzjonijiet għall-pensjoni ewlenija pproċessati diġitalment sal-aħħar ta' Ġunju 2020 intlaħqet.

Id-deċiżjoni riċenti tal-Kunsill tal-Istat tagħti d-dritt lil dawk il-pensjonanti, li kienu ressqu talba, għal kumpens għat-tnaqqis fil-pensjonijiet tal-2012 għall-perjodu ta' Ġunju 2015 sa Mejju 2016. Filwaqt li l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti bid-dettalji kollha tista' tieħu numru ta' ġimgħat, tħabbar li l-kumpens ikopri perjodu ta' 11-il xahar li jibda mill-mument tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill tal-Istat f'Ġunju 2015 sal-implimentazzjoni tar-riforma tal-2016 f'Mejju 2016. Il-gvern iddeċieda li jantiċipa sfidi legali futuri possibbli u li jikkumpensa lill-pensjonanti kollha tas-settur privat għal tnaqqis fil-pensjonijiet ewlenin tagħhom, irrispettivament minn jekk kinux ressqu talba jew le, b'kost ta' 0,5 % tal-PDG. Il-gvern wiegħed ukoll li jikkumpensa lill-pensjonanti tas-settur pubbliku ladarba jkun tlesta każ parallel diskuss quddiem il-Qorti tal-Awdituri, li jżid il-kost totali tal-kumpens għal 0,8 % tal-PDG. Il-ħtieġa li jiġi kopert ukoll it-tnaqqis tal-passat fil-pensjonijiet supplimentari u l-bonusijiet staġonali se tiġi ċċarata ladarba tiġi ppubblikata d-deċiżjoni dettaljata tal-Qorti. Il-kumpensi huma ħlasijiet ta' darba u ma jaffettwawx il-funzjonament attwali tas-sistema tal-pensjonijiet jew in-nefqa futura fuq il-pensjonijiet. Fir-rigward ta' deċiżjoni riċenti oħra tal-Qorti tal-Awdituri li tagħti drittijiet ta' rtirar kmieni lill-impjegati taċ-ċivil irġiel bi tfal żgħar, l-awtoritajiet qed jistennew li l-effetti ta' din id-deċiżjoni se jkunu żgħar.

B'reazzjoni għat-tifqigħa tal-coronavirus fir-rebbiegħa tal-2020, l-awtoritajiet saħħew b'mod sostanzjali s-sistema tal-kura tas-saħħa biex tiġi indirizzata l-pandemija, inkluż permezz ta' użu aktar mifrux ta' għodod diġitali. Dan kien jinkludi żieda fid-disponibbiltà ta' sodod għall-kura intensiva u r-reklutaġġ ta' madwar ħamest elef membru addizzjonali tal-persunal, kemm tobba kif ukoll infermiera, u avvanzi fit-telemediċina. Bis-saħħa tal-implimentazzjoni bikrija ta' dawn il-miżuri, il-Greċja rnexxielha tikkontrolla t-tixrid tal-virus matul l-ewwel mewġa. Il-Greċja użat ukoll għadd ta' għodod diġitali, li jistgħu jintużaw wara t-tmiem tal-pandemija wkoll.

It-tfassil mill-ġdid tas-sistema tal-kura tas-saħħa primarja, impenn speċifiku għal nofs l-2020, se jieħu żmien itwal biex jiġi implimentat, biex jirrifletti l-bidliet fil-provvista ta' whud mill-elementi ewlenin tagħha u minħabba dewmien inevitabbli kkawżat mill-ħtieġa li tiġi mmaniġġjata r-reazzjoni għall-pandemija. Il-bidliet leġiżlattivi għadhom fi stadju ta' abbozzar iżda l-adozzjoni tagħhom hija mistennija sar-rebbiegħa tal-2021. Ir-riforma, li bdiet fl-2018, għandha l-għan li tistabbilixxi sistema komprensiva ta' kura tas-saħħa primarja b'reġistrazzjoni obbligatorja tal-popolazzjoni kollha ma' tabib tal-familja, li jsir l-ewwel punt ta' kuntatt għall-pazjent, u li jimplimenta r-rwol ta' gwardjan obbligatorju. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-biċċa l-kbira tal-elementi tar-riforma huma ppjanati li jiġu mfassla mill-ġdid, u l-introduzzjoni tas-sistema hija sospiża sakemm jiġi definit mudell ġdid ta' provvista. L-awtoritajiet huma mħeġġa jħaffu l-implimentazzjoni tar-reġistrazzjoni u r-rwol ta' gwardjan obbligatorju, li – kif miftiehem – għandhom jibqgħu l-elementi ewlenin ta' kwalunkwe sistema ġdida peress li huma essenzjali għall-istabbiliment b'suċċess ta' sistema ta' kura tas-saħħa primarja robusta u li tiffunzjona tajjeb. Dawn jgħinu biex jiġi żgurat aċċess ugwali u jipproteġu lill-popolazzjoni mid-domanda kkawżata mill-provvista u mill-piż finanzjarju tagħha li jista' jiġi evitat, li huwa sors dejjem jiżdied ta' tħassib fis-sistema attwali. L-awtoritajiet mhux qed jippjanaw li jerġgħu jibdew l-introduzzjoni tan-network tal-kura tas-saħħa primarja qabel ir-rebbiegħa tal-2021, minħabba l-ħtieġa immedjata li jiffukaw l-isforzi fuq ir-reazzjoni għall-isfida attwali biex jiżdied l-għadd ta' tobba tal-familja disponibbli taħt kuntratt mal-Fond tas-Saħħa Pubblika. Ir-riforma saret aktar rilevanti fid-dawl tal-kriżi tal-coronavirus, minħabba r-rwol ewlieni tal-unitajiet tal-kura tas-saħħa primarja, inklużi l-unitajiet mobbli li għadhom kif ġew skjerati mingħajr dewmien (KOMYs), b'appoġġ għar-rispons għall-pandemija s'issa.

L-akkwist ċentralizzat, impenn speċifiku għal nofs l-2020, diġà qed jiġi implimentat parzjalment u l-istabbiliment ġenerali tal-Awtorità Nazzjonali tas-Saħħa għall-Akkwisti fil-Qasam tas-Saħħa qed jagħmel progress, iżda għad irid jitlesta wkoll minħabba dewmien ikkawżat mill-pandemija. Offerti ċentralizzati bħalissa huma implimentati l-aktar fil-livell reġjonali; xi whud qed jiġu ffinalizzati wkoll fil-livell ċentrali, għalkemm, fil-biċċa l-kbira tagħhom, dan jikkonċerna lil dawk li tnedew taħt is-sistema preċedenti. Ġie ffinalizzat abbozz ta' leġiżlazzjoni biex jiddefinixxi l-qafas legali ġdid għall-Awtorità u huwa ppjanat li jiġi adottat sa tmiem is-sena. L-awtoritajiet qasmu wkoll pjan operazzjonali għall-akkwisti li għandu jitnieda fl-2020, li skontu l-mira ta' 40 % tan-nefqa totali tal-isptarijiet miksuba ċentralment, impenn speċifiku għal nofs l-2022, tibqa' possibbli li tintlaħaq, u l-mira tal-awtoritajiet hija li sal-ewwel trimestru tal-2021 tkun 30 %. L-istituzzjonijiet Ewropej ħeġġew lill-awtoritajiet biex ikomplu jappoġġjaw ir-riforma permezz tar-riattivazzjoni, minn Jannar 2021, tal-Osservatorju tal-Prezzijiet, għodda ta' monitoraġġ maħsuba biex iżżid it-trasparenza u l-effiċjenza. Fil-preżent, ir-reklutaġġ tal-ħiliet meħtieġa għall-Awtorità għadu ta' sfida, iżda dan jista' jiġi ffaċilitat mill-qafas legali l-ġdid li se jiġi leġiżlat fix-xhur li ġejjin.

Rigward l-infiq fuq il-kura tas-saħħa, l-ammonti ta' rkupru li qed jiżdiedu u d-dewmien fil-ġbir tiegħu huma kawża ta' tħassib. It-tishiħ u l-implimentazzjoni konsistenti tal-miżuri strutturali adottati preċedentement kieku jappoġġjaw l-effiċjenza u l-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità. Bħala eżempju, l-irkupru tal-2019 għall-farmaċewtiċi kien 36 % ogħla milli fl-2018 u kważi 65 % ogħla milli fl-2017. Il-ġbir ta' rkupru għal fornituri privati tal-kura tas-saħħa għall-2018 u l-2019 huwa mistenni li jibda sa Novembru 2020. L-istituzzjonijiet Ewropej iħeġġu lill-awtoritajiet biex jadottaw il-leġiżlazzjoni meħtieġa biex jiffinalizzaw il-proċeduri leġiżlattivi u amministrattivi meħtieġa għall-bidu tal-ġbir sa Ottubru 2020 – sabiex jippreservaw il-kredibbiltà fiskali tal-irkupru – u biex jirrevedu d-definizzjoni attwali tal-irkupru bil-għan li jiġi introdott komponent ta' kondiviżjoni tar-riskju u jissaħħu l-inċentivi biex jiġi evitat il-ħolqien ta' rkupri ġodda u biex titnaqqas id-domanda kkawżata mill-provvista, u b'hekk jitnaqqsu l-ħlasijiet mill-but għoljin.

It-tfassil tal-pilastru tal-"integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol" tal-Introjtu mis-Solidarjetà Soċjali (it-tielet pilastru) qed jiġi adattat fid-dawl tal-kriżi tal-coronavirus, u l-implimentazzjoni mal-pajjiż kollu tal-qafas il-ġdid, impenn speċifiku għall-aħħar tal-2019, hija skedata għall-ħarifa tal-2020, kontinġenti fuq l-iżviluppi relatati mas-saħħa. Matul l-2019, ġie implimentat proġett pilota biex jiżgura l-provvista ta' appoġġ soċjali u servizzi ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol fi 32 muniċipalità madwar il-pajjiż. Is-sejbiet tal-proġett pilota ġew evalwati fid-dawl tal-implimentazzjoni nazzjonali tiegħu fl-2020. Madankollu, minħabba t-tifqigħa tal-coronavirus, kien hemm il-ħtieġa li l-proċessi tan-negozju tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (OAED) jiġu adattati għas-sitwazzjoni l-ġdida u, min-naħa tagħhom, li jiġu aġġustati t-termini tat-tnedija nazzjonali tal-qafas il-ġdid. It-tnedija għandha tibda fil-ħarifa tal-2020.

Rigward ir-reviżjoni tas-sistema tas-sussidji għat-trasport pubbliku lokali, impenn speċifiku għal nofs l-2020, il-leġiżlazzjoni primarja riveduta għas-sistema l-ġdida ġiet adottata f'Lulju 2020. Il-leġiżlazzjoni sekondarja, li għandha tiġi adottata f'Settembru 2020, qiegħda titħejja biex tippermetti rimborż regolari u oġġettiv ta' biljetti ssussidjati tat-trasport pubbliku lill-operaturi f'Ateni u Tessaloniki.

Ir-riforma tal-qafas tal-benefiċċji tad-diżabilità qed tagħmel progress skont it-tfassil mill-ġdid tagħha miftiehem preċedentement, impenn speċifiku għal nofs l-2019 li se jieħu aktar żmien biex jitlesta. F'Settembru 2020 huwa mistenni dokument ta' politika li ġie miftiehem u għandu jitnieda proġett pilota fil-bidu tal-2021. Is-sistema elettronika għall-

ipproċessar tal-applikazzjonijiet issa hija disponibbli fi tliet reġjuni, iżda l-operat taċ-ċentri tal-valutazzjoni tad-diżabilitajiet ġie affettwat mill-pandemija.

ŻVILUPPI FIS-SETTUR FINANZJARJU

Is-settur finanzjarju rnexxielu jissupera l-ewwel impatti tal-pandemija tal-coronavirus relattivament tajjeb, bis-saħħa tal-isforzi tal-awtoritajiet u tal-UE kollha biex jiġi sostnut l-aċċess għall-finanzi għan-negozji affettwati. Il-likwidità fis-swieq finanzjarji kif ukoll il-provvista ta' finanzjament lill-ekonomija nżammu u l-banek setgħu jżommu l-kost tal-finanzjament f'livell li jista' jiġi mmaniġġjat minkejja ż-żieda fil-kost tal-finanzjament fit-tul mhux garantit. Dan ġie ffaċilitat bit-tħaffif tal-kundizzjonijiet għal operazzjonijiet immirati ta' finanzjament mill-ġdid fuq żmien itwal tal-Eurosistema u tħaffif temporanju tar-rekwiżiti kollaterali għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, b'mod partikolari d-deroga għall-aċċettazzjoni ta' strumenti ta' dejn sovran Grieg bħala kollateral. Id-*data* minn Lulju 2020 turi li l-irkupru fil-kreditu bankarju lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji saħansitra żdied, filwaqt li dak lil ditti żgħar mhux inkorporati beda wkoll jaqleb malajr għall-pożittiv, u b'hekk immodera t-tnaqqis kontinwu fil-kreditu bankarju lil unitajiet domestiċi. Dan jirrifletti l-isforzi mill-kumpaniji biex jibnu bafers ta' likwidità kif ukoll il-bidu tal-iżborżi ta' miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza. Il-kumpaniji Griegi għalhekk ibbenefikaw minn żewġ skemi implimentati mill-Bank Elleniku għall-Iżvilupp, jiġifieri skema ta' garanzija u skema ta' sussidju tal-imgħax għal self korporattiv ġdid, li attiraw domanda kbira. Barra minn hekk, kumpaniji vijabbli, l-aktar intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ibbenefikaw minn sussidji ta' imgħax diretti għal self produttiv eżistenti. Dawn l-iskemi huma mistennija li jipprovdu appoġġ għat-tkabbir tas-self lin-negozji matul ix-xhur li ġejjin.

Il-miżuri tal-moratorju fuq is-self stabbiliti, flimkien mal-flessibbiltà mħabbra mill-awtorità superviżorja, jimplikaw li l-impatt tal-pandemija fuq il-kwalità tal-kotba tas-self tal-banek se jkun limitat din is-sena. Aktar minn 10 % tal-portafoll tas-self totali tal-banek ibbenefika mill-moratorji, li bħalissa huma fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru. L-erba' banek sistemiċi żiedu b'mod sinifikanti l-indebolimenti mdaħħla fir-riżultati tagħhom tal-ewwel trimestru tal-2020, iżda l-massimu tal-ħtiġijiet ta' proviżjonament se jsir evidenti biss wara li jiskadu l-moratorji, li jista' jimplika riskji negattivi għall-2021. Żieda fil-proviżjonament tista' tpoġġi taħt pressjoni l-prospetti ta' profittabbiltà li diġà huma dgħajfa għall-banek Griegi.

Il-profittabbiltà baxxa flimkien mal-kost tat-titolizzazzjonijiet li ġejjin jistgħu joħolqu sfidi għall-pożizzjoni kapitali tal-banek fil-futur qrib. Il-medja tal-proporzjon tal-Grad 1 ta' ekwità komuni tal-banek naqset minn 15,9 % fl-aħħar tal-2019 għal 14,6 % fl-ewwel trimestru tal-2020, iżda baqgħet konformi mar-rekwiżiti kapitali. It-tnaqqis seħħ l-aktar minħabba l-implimentazzjoni tar-regoli tranżitorji prudenzjali applikati fl-ewwel trimestru ta' kull sena. Fil-futur, il-pożizzjoni kapitali tal-banek se jkollha takkomoda aktar bidliet regolatorji ppjanati u t-titolizzazzjonijiet li ġejjin ta' self improduttiv fuq terminu medju. Il-kwalità tal-kapital tal-banek tibqa' baxxa, minħabba l-ammont għoli ta' krediti ta' taxxa differita, filwaqt li r-rabta bejn il-banek u s-sovrani tista' tkompli tiżdied matul ix-xhur li ġejjin.

Għalkemm l-istokk ta' self improduttiv kompla jonqos fil-bidu tal-2020, l-impatt negattiv potenzjali tal-kriżi tal-coronavirus fuq il-kwalità tal-assi se jibda jsir evidenti biss wara l-iskadenza tal-moratorji. L-istokk ta' self improduttiv tal-banek Griegi kompla fit-triq tan-niżla tiegħu fl-ewwel trimestru tal-2020, bil-proporzjon tagħhom jonqos għal 39,6 % f'Marzu 2020 u hu mistenni jonqos saħansitra aktar fit-tieni trimestru, ladarba l-impatt

pożittiv tal-ewwel titolizzazzjoni taħt l-iskema Hercules ([6]) jidħol fis-seħħ formalment. Madankollu, l-istrateġiji għat-tnaqqis tas-self improduttiv tal-banek huma affettwati mill-pandemija u l-kapaċità interna tal-banek għar-ristrutturar b'mod vijabbli ta' self għadha baxxa.

L-azzjonijiet deskritti hawn taħt huma mmonitorjati u vvalutati bħala parti mill-impenn kontinwu fil-qasam tal-politika finanzjarja:

- **L-awtoritajiet għandhom l-intenzjoni li jissottomettu fi żmien qasir abbozz ta' liġi lill-Parlament li se jwassal għal reviżjoni maġġuri tal-qafas tal-insolvenza.** Il-kodiċi tal-insolvenza l-ġdid jintegra r-reġimi tal-insolvenza korporattiva u personali u jittrasponi l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-oqfsa ta' ristrutturar preventiv. L-għan ġenerali tiegħu huwa li jaċċellera l-ħelsien mid-dejn, jippermetti r-rimborż aktar malajr tal-krediturі, kif ukoll jippreserva negozji vijabbli permezz ta' oqfsa ta' ristrutturar preventiv. Ispirat mill-aħjar prattiki internazzjonali, huwa mistenni li jżid l-effettività tar-ristrutturar permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti proċedurali u l-użu ta' pjattaforma elettronika. Il-kodiċi se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 u se jkun jeħtieġ l-adozzjoni ta' ammont sinifikanti ta' leġiżlazzjoni sekondarja, li se tiddetermina xi aspetti ta' din ir-riforma, u t-tlestija tal-pjattaforma tal-IT, li t-tnejn li huma jinsabu għaddejjin.

- **Fl-istess ħin, l-awtoritajiet ippermettew l-iskadenza tal-iskema ta' Protezzjoni tar-Residenza Primarja u l-iskema ta' Soluzzjoni Barra mill-Qorti, filwaqt li stabbilew skemi alternattivi ta' protezzjoni soċjali għal debituri vulnerabbli.** Ir-reġimi inkwistjoni skadew fil-31 ta' Lulju 2020 u fit-30 ta' April 2020 rispettivament. B'mod parallel mar-reviżjoni radikali tal-qafas tal-insolvenza, il-gvern jintroduċi wkoll għodod ġodda ta' politika soċjali biex jappoġġja lil debituri vulnerabbli. Fil-kuntest tal-proċedimenti ta' qabel il-falliment, id-debituri vulnerabbli li għandhom self marbut mar-residenza primarja tagħhom u li sofrew telf fid-dħul f'daqqa se jkunu eliġibbli għal sussidju temporanju, li għandu jkompli jappoġġja t-tnaqqis ta' self improduttiv u jevita l-akkumulazzjoni ta' oħrajn ġodda. Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-periklu morali, is-sussidju se jkun disponibbli kemm għad-debituri vulnerabbli produttivi kif ukoll għal dawk improduttivi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi, bl-eċċezzjoni ta' dawk id-debituri improduttivi b'self li jkun ilu ddenunzjat għal aktar minn sena. Barra minn hekk, il-kodiċi jintroduċi sistema speċjali ta' bejgħ b'lokazzjoni lura li tippermetti lil debituri f'diffikultà eliġibbli biex jibqgħu fir-residenza primarja tagħhom bħala kerrejja, li jistgħu jibbenefikaw ukoll minn sussidju li jiffaċilita l-ħlas tal-kera. Dan l-arranġament jestendi s-sussidju tal-kiri eżistenti u se jiġi implimentat permezz ta' entità tas-settur privat. L-aġenzija tas-settur privat tista' tibbenefika minn garanzija mill-Istat biex tappoġġja l-aċċess tagħha għall-finanzjament, jekk dan jitqies meħtieġ.

- **L-awtoritajiet fi żmien qasir se jissottomettu wkoll lill-Parlament miżuri li huma mmirati biex iħaffu l-ikklerjar tax-xogħol pendenti fir-rigward tal-insolvenza tal-unitajiet domestiċi, li kompla jiżdied b'konsegwenza tas-sospensjoni tal-proċeduri tal-qorti matul il-pandemija.** B'mod partikolari, huma għandhom l-intenzjoni li jintroduċu skedar mill-ġdid awtomatiku ta' seduti ta' smigħ mill-bogħod permezz ta'

([6]) It-tranżazzjoni involviet it-titolizzazzjoni ta' portafoll ta' EUR 7,5 biljun li jikkonsisti prinċipalment minn skoperturi improduttivi. Din għamlet użu minn EUR 2,4 biljun ta' garanziji mill-Istat mill-pakkett totali ta' EUR 12 biljun disponibbli taħt l-iskema ta' Hercules. L-iskema, li hija miftuħa u volontarja għall-banek kollha, hija fuq perjodu ta' 18-il xahar minn Ottubru 2019. Żewġ banek sistemiċi oħrajn qed ikomplu bil-preparazzjonijiet biex jiffaċilitaw it-titolizzazzjonijiet ippjanati tagħhom taħt l-iskema, bil-għan li jiġu konklużi sal-ewwel trimestru tal-2021.

pjattaforma elettronika kif ukoll permezz ta' simplifikazzjonijiet proċedurali; barra minn hekk, pjattaforma elettronika għall-kontroll tal-eliġibbiltà u l-iffiltrar ta' partijiet li jiddikjaraw inadempjenza b'mod strateġiku hija disponibbli għall-krediturі istituzzjonali iżda r-riżultati fit-tnaqqis tax-xogħol pendenti s'issa kienu limitati. Sadanittant, l-għadd ta' każijiet pendenti kompla jiżdied minħabba s-sospensjoni tal-proċeduri tal-qorti wara t-tifqigħa tal-coronavirus. Għalkemm il-pandemija affettwat b'mod negattiv il-provvista ta' *data* dwar l-iżvilupp tax-xogħol pendenti fit-tieni trimestru tal-2020, il-ħolqien riċenti ta' Unità tal-Istatistika tal-Ġustizzja fil-Ministeru għall-Ġustizzja jista' jiffaċilita l-aggregazzjoni, l-ipproċessar u l-preżentazzjoni uniformi ta' *data* affidabbli permezz tal-użu tal-IT.

- **L-awtoritajiet għandhom l-intenzjoni li jadottaw għadd ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-funzjonalità u l-faċilità tal-użu tal-pjattaforma tal-irkanti elettroniċi u li jiffaċilitaw il-proċessi rilevanti.** Il-miżuri huma mistennija li jiġu adottati f'Ottubru 2020 u jinkludu l-obbligu li l-uffiċjali tal-irkant itellgħu kopja tar-rapport tal-valwazzjoni u ritratti tal-proprjetà fuq is-sit web tal-irkanti elettroniċi. Se jiġu introdotti miżuri oħra bħala parti mir-reviżjoni tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (ara hawn taħt). It-tmexxija tal-irkantijiet elettroniċi, li kienet twaqqfet bħala riżultat tal-għeluq tal-qrati u l-uffiċċji notarili minħabba l-pandemija tal-coronavirus reġgħet bdiet fl-1 ta' Settembru iżda l-intenzjoni hija li jiġu sospiżi għad-debituri vulnerabbli sal-aħħar ta' Diċembru 2020 fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar l-insolvenza u l-miżuri ta' politika soċjali assoċjati f'Jannar 2021.

- **Rigward l-ikklerjar tax-xogħol pendenti tal-garanziji mill-Istat, l-awtoritajiet qed jieħdu azzjonijiet biex jikkumpensaw bis-sħiħ kull dewmien relatat mal-pandemija, filwaqt li jimpenjaw ruħhom biex jantiċipaw aktar l-iskeda ġenerali tal-ipproċessar u l-ħlas.** L-awtoritajiet aġġornaw il-miri tal-ikklerjar għat-tieni nofs tal-2020, biex jagħmlu aktar milli kompletament jikkontrabattu d-dewmien li kien hemm fl-ewwel nofs tas-sena, filwaqt li fl-istess ħin żiedu l-mira ġenerali għall-2020 bi 33 %. L-awtoritajiet qed jipproċedu wkoll kif ippjanat bit-titjib strutturali kollu meħtieġ, inkluż deċiżjoni ministerjali riveduta dwar ir-repożitorju elettroniku tal-fajls, l-interoperabbiltà mal-uffiċċji tat-taxxa lokali, u r-rilokazzjoni tal-persunal.

- **Il-ħidma fuq l-adozzjoni ta' emendi mmirati għall-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għadha għaddejja.** Il-kumitat tal-abbozzar tal-liġi huwa mistenni jippreżenta abbozz tal-leġiżlazzjoni sal-aħħar ta' Jannar 2021, fid-dawl tal-adozzjoni tal-kodiċi rivedut sal-aħħar ta' Frar 2021, bi dħul fis-seħħ ippjanat għal Settembru 2021. L-emendi se jindirizzaw, fost oħrajn, il-kwistjonijiet relatati mat-talbiet għall-aġġustament tal-prezzijiet għall-irkanti elettroniċi.

- **Aġġustament immirat tal-leġiżlazzjoni primarja dwar il-krediti ta' taxxa differita sabiex tiġi żgurata l-effettività operattiva ġie ppreżentat lill-Parlament u hu mistenni li jiġi adottat dalwaqt.** L-għan huwa li tiġi ssalvagwardjata l-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-kapital tal-banek fil-każijiet kollha. Aspetti tekniċi u proċedurali ulterjuri relatati mal-proċess tal-użu tal-krediti ta' taxxa differita, b'mod partikolari fir-riżoluzzjoni, se jiġu ċċarati permezz ta' leġiżlazzjoni sekondarja meta jkun xieraq.

Il-Fond Elleniku għall-Istabbiltà Finanzjarja intensifika l-isforzi tiegħu biex jappoġġa lill-banek sistemiċi biex jilħqu l-miri tagħhom tat-tnaqqis tas-self improduttiv u tat-titjib tan-negozju fl-ambjent attwali milqut mill-pandemija. Abbażi tal-proposta tal-Fond, l-awtoritajiet emendaw il-liġi li tirregolah sabiex jipproteġu d-drittijiet tas-sjieda tal-Fond f'każ

ta' trasformazzjonijiet korporattivi tal-banek sistemiċi ([7]) relatati mat-tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjonijiet li għaddejjin.

SUQ TAX-XOGĦOL

F'Ġunju 2020, l-awtoritajiet introduċew skema ġdida u usa' ta' xogħol temporanju għal żmien qasir (SYNERGASIA), li tipprovdi flessibbiltà lill-kumpaniji biex jaġġustaw is-sigħat tax-xogħol u kumpens lill-ħaddiema għas-sigħat li ma jaħdmux. Din l-iskema hija mistennija li jkollha rwol importanti biex tippermetti lis-suq tax-xogħol jaġġusta għax-xokk ikkawżat mit-tifqigħa tal-coronavirus. L-iskema, stmata li tiswa EUR 440 miljun, hija eliġibbli għal finanzjament taħt l-istrument Ewropew il-ġdid għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE), li taħtu l-Kummissjoni pproponiet li talloka lill-Greċja total ta' EUR 2,7 biljun ta' assistenza finanzjarja.

Fil-kuntest tal-proċess tal-kodifikazzjoni tal-liġi tax-xogħol, xi aspetti tal-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol eżistenti qed jiġu riveduti u mmodernizzati. Dawn jinkludu l-istabbiliment ta' qafas ġdid li jirregola forom ġodda ta' xogħol (bħal xogħol fuq pjattaforma diġitali, ekonomija kollaborattiva), u bidliet li jifirdu l-kompiti ta' spezzjoni u konċiljazzjoni f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol. Il-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol hija mistennija li tiġi ppreżentata lill-Parlament f'Ottubru 2020 u l-kodifikazzjoni tagħha għandha ssegwi f'Novembru 2020.

L-awtoritajiet qed ikomplu jsegwu l-pjanijiet tagħhom ta' politika edukattiva komprensiva b'riforma fl-iskola pubblika adottata f'Ġunju 2020 u progress sostanzjali li sar fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. L-abbozz ta' Titjib fl-Iskejjel Pubbliċi għandu l-għan, fost oħrajn, li jippromwovi l-ħiliet personali, il-litteriżmu diġitali, it-tagħlim ta' lingwi barranin u l-evalwazzjoni ta' unitajiet ta' skejjel. Fl-istess ħin, ir-riforma komprensiva tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li qed tiġi żviluppata bħalissa, għandha l-għan li ttejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni offruta, iżżid il-perċentwali ta' studenti li jagħżlu din it-triq u torbot aħjar l-edukazzjoni vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Ir-riforma, imħejjija f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, tipprevedi l-ħolqien ta' liċei professjonali, kurrikuli ġodda, u dijanjostiċi aħjar tas-suq tax-xogħol. Element importanti tar-riforma huwa wkoll l-akkreditazzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-istituti li jipprovdu edukazzjoni kontinwa. L-awtoritajiet qed itejbu wkoll il-qafas għall-apprendistati bħala parti mir-riforma.

IS-SWIEQ TAL-PRODOTTI U L-KOMPETITTIVITÀ

L-awtoritajiet qed ikomplu jaħdmu fuq inizjattivi ewlenin li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-qafas ekonomiku, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kompetittività u li jiġi sostnut l-irkupru ekonomiku wara t-tifqigħa tal-coronavirus. Għal dan il-għan, huma għandhom l-għan li jiffinalizzaw l-istrateġija l-ġdida tat-tkabbir dalwaqt, billi jintroduċu miżuri ta' riforma f'oqsma ta' politika ewlenin biex jagħtu spinta lill-produttività tas-settur privat u jiksbu tkabbir sostenibbli.

Ir-riforma tal-liċenzjar tal-investimenti qed tagħmel progress tajjeb, minkejja xi dewmien. L-awtoritajiet temmew b'suċċess l-impenn li jirrevedu/jabolixxu l-klassifikazzjoni inkonvenjenti, ferm qabel l-iskadenza tal-**impenn speċifiku għal nofs l-2021**. Barra minn hekk:

([7]) Din l-emenda legali saret neċessarja sabiex tiġi eliminata kull inċertezza legali dwar jekk il-Fond jistax jagħmel użu sħiħ mid-drittijiet statutorji tiegħu f'entitajiet maħluqa wara trasformazzjoni korporattiva ta' banek, li kienet meħtieġa sabiex jiġu ffaċilitati ċerti titolazzjonijiet fuq skala kbira ta' self improduttiv.

- L-implimentazzjoni tal-liġi qafas dwar l-ispezzjonijiet, **impenn speċifiku għal nofs l-2020**, qed tagħmel progress sod fir-rigward tal-oqsma prijoritarji miftiehma, minkejja li għad fadal xi xogħol xi jsir. L-istituzzjonijiet Ewropej ħeġġew lill-awtoritajiet biex jiżviluppaw skeda ta' żmien għat-tlestija ta' dan ix-xogħol, inkluż l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni abilitanti kollha meħtieġa, sal-mument tar-rapport li jmiss. L-awtoritajiet impenjaw ruħhom li jestendu l-qafas għall-erba' oqsma li jifdal sal-aħħar tal-2021. L-użu sħiħ tiegħu ikun pass kbir, peress li jnaqqas il-ħtieġa għal kontrolli ex-ante mingħajr ma jikkomprometti l-istandards tas-saħħa u s-sikurezza.

- Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' liċenzjar tal-investimenti, **impenn speċifiku għal nofs l-2020**, qed tagħmel progress, għalkemm b'xi dewmien. L-awtoritajiet adottaw il-leġiżlazzjoni primarja għas-simplifikazzjoni tas-settur tal-produzzjoni primarju u l-leġiżlazzjoni sekondarja hija mistennija dalwaqt. Saru proposti għas-simplifikazzjoni tal-biċċa l-kbira tas-setturi li jifdal, u l-leġiżlazzjoni primarja hija mistennija li tiġi adottata dalwaqt. L-awtoritajiet huma mħeġġa biex sa meta jsir ir-rapport li jmiss jiżviluppaw skeda ta' żmien għall-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja kollha meħtieġa dwar is-setturi kollha, kif ukoll għas-simplifikazzjoni tal-ftit attivitajiet li fadal.

- Finalment, l-użu tas-sistema tal-IT biex tappoġġja l-qafas tal-liċenzjar tal-investimenti, **impenn speċifiku għall-aħħar tal-2019**, ġie ttardjat minħabba kumplikazzjonijiet fil-proċess tal-offerti. Madankollu, fin-nuqqas ta' appelli ulterjuri fil-qrati, l-awtoritajiet jistennew li jiffirmaw il-kuntratt dalwaqt.

L-implimentazzjoni tar-riformi ewlenin tal-ambjent tan-negozju mibdija skont il-programmi ta' għajnuna finanzjarja tkompli, għalkemm b'xi dewmien f'ċerti oqsma minħabba t-tifqigħa tal-coronavirus. Ix-xogħol rigward l-istabbiliment tal-qafas għaċ-ċertifikazzjoni ta' assessuri ambjentali esterni qed jagħmel progress; dan ilu pendenti mill-programm tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, u għaċ-ċertifikazzjoni ta' spetturi esterni, minkejja li l-leġiżlazzjoni sekondarja meħtieġa għadha ma ġietx adottata. L-awtoritajiet qed jirrevedu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-liċenzjar dwar it-turiżmu tematiku u s-suq tal-ħalib, ħaġa li ntlaqgħet b'mod tajjeb ħafna. Il-koordinazzjoni u l-monitoraġġ imsaħħa, flimkien ma' azzjonijiet li jippromwovu viżibbiltà akbar tar-riforma tal-liċenzjar tal-investimenti, għandhom jappoġġaw l-implimentazzjoni li għaddejja.

Strateġija ġdida għall-promozzjoni tal-potenzjal tal-esportazzjoni tal-Greċja u l-investiment dirett barrani eżoġenu dalwaqt se tiġi ppubblikata. L-istrateġija għandha l-għan li tidentifika setturi u swieq tal-esportazzjoni ewlenin, tikkoordina b'mod effettiv l-istituzzjonijiet rilevanti, u tiżgura s-sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati. Aktar progress jiddependi fuq l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tiċċara r-rwol tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, u fuq l-istabbiliment ta' strutturi operazzjonali meħtieġa f'oqsma speċifiċi. It-tnedija tas-sejħa għall-offerti għal sistema integrata ta' Tieqa Unika għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ġiet posposta għall-aħħar ta' Settembru minħabba l-pandemija.

L-awtoritajiet qegħdin gradwalment jagħmlu progress b'miżuri addizzjonali biex ikomplu jiffaċilitaw in-negozju. Ir-reġistrazzjoni permezz tal-one-stop shop elettroniku saret obbligatorja għall-kumpaniji privati, filwaqt li l-qafas għall-protezzjoni tal-investituri minoritarji ssaħħaħ permezz ta' għadd ta' salvagwardji dwar l-għażla, il-ħatra u l-evalwazzjoni tal-membri tal-bord, u rekwiżiti ta' żvelar akbar.

L-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali lejn it-tlestija tal-proġett tal-katast aġġornat dan l-aħħar reġgħet bdiet, wara dewmien minħabba t-tifqigħa tal-coronavirus. Il-ħatriet

ta' maniġers superjuri mistennija jitlestew dalwaqt, it-tħejjija tal-Istrateġija Korporattiva qed tagħmel progress u s-sejħa għall-offerti għad-diġitizzazzjoni tal-arkivji tal-katast mistennija titnieda sal-aħħar tas-sena. Il-ġbir tad-drittijiet tad-domunju ta' art tlesta għal 82 % tal-pajjiż u l-immappjar katastali tlesta għal 33 % tad-drittijiet, anqas mill-**impenn speċifiku għal nofs l-2020** biex jitlestew 45 % tad-drittijiet. Sa Ottubru 2020, it-tlestija tal-immappjar katastali hija mistennija li tilħaq il-35 %. L-awtoritajiet qed iħejju leġiżlazzjoni biex jimponu penali fuq iċ-ċittadini li jonqsu milli jiddikjaraw il-proprjetajiet tagħhom fil-perjodu ta' żmien applikabbli, u l-għoti tal-aħħar ħames kuntratti ta' mmappjar katastali li ġie pospost minħabba proċeduri tal-qorti qed jagħmel progress. Filwaqt li l-persunal tal-Katast Elleniku issa huwa adegwat, se jkun meħtieġ aktar żmien biex jiġu stabbiliti uffiċċji u fergħat katastali wara l-pandemija. Sal-aħħar ta' Ottubru 2020, huma mistennija li jingħalqu sitt uffiċċji ipotekarji addizzjonali u li jinfetaħ uffiċċju katastali wieħed (għat-Traċja).

Il-preżentazzjoni pubblika tal-mapep forestali kollha li fadal, li hija skedata li titlesta sa nofs l-2020, ittardjat minħabba l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tindirizza kwistjonijiet dwar l-użu tal-art li jirriżultaw mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Istat. Dan jista' jittardja t-tlestija tal-immappjar katastali kollu kemm hu, li issa huwa mistenni sa Mejju 2022, għal numru ta' xhur. L-istituzzjonijiet Ewropej ħeġġew lill-awtoritajiet biex jibdew itellgħu u jirratifikaw il-mapep forestali li fadal (53 % tal-pajjiż diġà rratifika mapep), filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw żoni problematiċi. L-awtoritajiet ikkonfermaw li għaż-żoni lesti li mhux se jkunu s-suġġett ta' bidliet, ir-ratifika tal-mapep forestali mhix se titreġġa' lura. Il-mapep kollha li fadal se jittellgħu sa Diċembru 2020.

Il-gvern Grieg kompla jimpenja ruħu b'mod kostruttiv fuq sett ta' proposti biex jirrimedja l-każ tal-antitrust u jissodisfa impenn speċifiku għall-aħħar tal-2020. Il-proposti għandhom eventwalment jiġu sottomessi għal test tas-suq mill-Kummissjoni Ewropea, pass bil-għan li jiġi implimentat ir-rimedju u jingħalaq il-każ. It-titjib għadu qed jiġi diskuss fil-proposta biex il-kompetituri tal-Korporazzjoni Pubblika tal-Enerġija jingħataw aċċess għal ċertu sehem tal-ġenerazzjoni tal-karga bażika tagħha, inkluż f'termini tal-iżgurar ta' proċess trasparenti ta' għażla, aċċess għall-mekkaniżmu minn atturi iżgħar u mekkaniżmu dettaljat ta' implimentazzjoni.

Id-data finali għat-tnedija tal-Mudell fil-Mira għall-elettriku, impenn speċifiku għal nofs l-2020, tħabbret mir-regolatur tal-enerġija bħala l-1 ta' Novembru. Dan segwa valutazzjoni tal-perjodu ta' prattika biex jiġi ttestjat is-suq, li kkonkluda li se jkun meħtieġ dewmien żgħir mid-data ppjanata oriġinarjament tas-17 ta' Settembru. L-istituzzjonijiet Ewropej se jirrapportaw dwar it-tnedija tant mistennija tal-Mudell fil-Mira fir-rapport li jmiss. It-tnedija tat-tliet swieq relatati tal-Mudell fil-Mira (ta' ġurnata bil-quddiem, tal-istess ġurnata u tal-ibbilanċjar), u l-interazzjoni tagħhom mas-suq tal-futuri li diġà qed jiffunzjona, hija pass kbir fl-istabbiliment ta' suq tal-enerġija modern u se twitti t-triq għall-Greċja biex fil-futur qrib takkoppja mas-swieq tal-elettriku tal-viċinat.

Il-progress kompla wkoll f'oqsma oħra tal-politika tal-enerġija tal-Greċja. B'mod importanti, il-Greċja adottat abbozz ta' liġi ambizzjuż biex tippromwovi l-elettromobbiltà, li se jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan Nazzjonali tal-Greċja għall-Enerġija u l-Klima. Abbozz tal-Pjan Direttur għall-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni lil hinn mill-ġenerazzjoni bbażata fuq il-linjite huwa lest għall-konsultazzjoni pubblika. Id-defiċit fil-Kont Speċjali tas-Sors tal-Enerġija Rinnovabbli, li mar għall-agħar b'konsegwenza tat-tifqigħa tal-coronavirus, jibqa' ta' tħassib għall-futur. Beda x-xogħol fuq l-interkonnettur bejn Kreta u l-Greċja, li se jkun parti kbira mill-mira antika tal-pajjiż li jgħaqqad il-gżejjer mal-kontinent.

Rigward is-settur tat-trasport, l-awtoritajiet ħejjew sensiela ta' proġetti ferrovjarji sabiex jirrimedjaw id-dewmien iffaċċjat fl-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali tat-trasport u l-ambjent tal-2014-20. L-awtoritajiet Ewropej responsabbli se jirrevedu dawn il-proġetti. Il-modernizzazzjoni tal-kumpaniji ferrovjarji pubbliċi tal-Greċja tappoġġja investiment tal-UE ulterjuri fis-settur. Il-Pjan Direttur Nazzjonali għat-Trasport tlesta u ġie approvat mill-Ministeru għall-Infrastruttura u t-Trasport.

IL-KORPORAZZJONI ELLENIKA TAL-ASSI U L-PARTEĊIPAZZJONIJIET U L-PRIVATIZZAZZJONI

Il-pandemija ġabet magħha sfidi ġodda għall-Korporazzjoni iżda l-ħidma tagħha fl-oqsma ewlenin koperti mill-impenji tal-Grupp tal-Euro kompliet. Minkejja d-diffikultajiet ikkawżati mill-pandemija, l-implimentazzjoni tal-pjan strateġiku, **impenn kontinwu**, għadha għaddejja u f'Awwissu tħejja abbozz ta' pjan tan-negozju għall-2020-2022 u ġie approvat mill-Bord tal-Korporazzjoni. L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjan strateġiku, dan l-aħħar ġew aġġustati biex iqisu l-impatt tal-pandemija, flimkien mal-iffissar tal-valuri tagħhom għall-2021 u l-2022. Reviżjoni tal-bordijiet tal-intrapriżi tal-istat, **impenn speċifiku għal nofs l-2019**, għadha għaddejja u hija kważi lesta. Il-portafoll tal-proprjetà immobbli tal-Korporazzjoni, miżmum mill-Kumpanija tal-Proprjetà Immobbli Pubblika, għamel progress inkrimentali iżda għadu lura ħafna f'termini tal-aspettattivi, filwaqt li l-Kumpanija tal-Proprjetà Immobbli qed tiffaċċja sfidi legali sinifikanti. It-trasferiment taċ-Ċentru Olimpiku tal-Atletika, li kien **impenn speċifiku għall-aħħar tal-2018**, jidher li huwa kumpless ħafna iżda qed ikompli b'serje ta' passi amministrattivi u ta' akkwist.

L-awtoritajiet komplew l-appoġġ tagħhom għall-Korporazzjoni. Dan kien jinkludi appoġġ għal intrapriżi ewlenin tal-Istat fejn ir-riperkussjonijiet negattivi tal-pandemija kienu l-aktar severi (b'mod partikolari l-Organizzazzjoni tat-Trasport Urban ta' Ateni u l-Posta Ellenika), kif ukoll appoġġ għall-pjan ta' bidla fid-direzzjoni korporattiva tal-Posta Ellenika. L-awtoritajiet impenjaw ruħhom mal-istituzzjonijiet Ewropej bħala parti mill-abbozzar tal-Gwida Ministerjali aġġornata, li issa hija mistennija fit-tielet trimestru tal-2020, fejn l-awtoritajiet għandhom l-intenzjoni li jiċċaraw l-aspettattivi tagħhom għall-prestazzjoni finanzjarja tal-portafoll tal-assi tal-Korporazzjoni. L-awtoritajiet għażlu lill-Korporazzjoni bħala d-dar għal fond ta' kapital ta' riskju ġdid iffukat fuq il-5G u impenjaw ruħhom sew mal-istituzzjonijiet Ewropej dwar l-istruttura tiegħu, li tipprevedi ġestjoni kompletament indipendenti f'konformità mal-prinċipji ta' governanza tal-Korporazzjoni. Se jkun importanti li jiġi żgurat li d-drittijiet u l-kompetenzi tal-Korporazzjoni jiġu mħarsa fir-rigward tat-tqegħid ta' aktar strutturi jew entitajiet ġodda taħt is-superviżjoni tagħha. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni, l-awtoritajiet iddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jipproċedu bit-tħejjija ta' kuntratti ta' eżekuzzjoni li jistabbilixxu l-obbligi tas-servizz pubbliku għal sett limitat ta' intrapriżi tal-Istat.

Il-progress bit-tranżazzjonijiet inklużi fil-Pjan ta' Żvilupp tal-Assi tal-Fond għall-Iżvilupp tal-Assi tar-Repubblika Ellenika (TAIPED) ġie affettwat mit-tifqigħa tal-coronavirus iżda reġa' beda għall-biċċa l-kbira tagħhom minn Ġunju. Id-dewmien fl-iskeda ta' żmien prevista tat-tranżazzjonijiet li għaddejjin, filwaqt li kien sinifikanti, kien limitat ukoll bis-saħħa tal-fatt li l-Fond kien qed jipproċedi bil-maturazzjoni tat-tranżazzjonijiet matul il-pandemija. Aġġornament regolari tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Assi ġie approvat mill-Gvern fl-10 ta' Settembru. Il-progress bl-impenji speċifiċi dovuti għat-tranżazzjonijiet huwa kif ġej:

- **Hellinikon:** L-awtoritajiet għadhom impenjati b'mod qawwi u qed iwettqu l-isforzi meħtieġa biex jissodisfaw il-prerekwiżiti għall-għeluq finanzjarju tat-tranżazzjoni, wara li bdew it-twaqqigħ tal-bini attwali fis-sit, fit-3 ta' Lulju. Ir-rilokazzjoni tal-utenti pubbliċi hija kważi lesta, bi ftit arranġamenti biss li għandhom isiru għall-utenti li se jibqgħu fuq il-post, u l-qsim tas-sit ta' Hellinikon miftiehem fi Frar 2020 bħalissa qed jiġi stabbilit f'dokument vinkolanti. L-għeluq finanzjarju tat-tranżazzjoni għadu jistenna r-riżoluzzjoni ta' każijiet legali kontra l-proċess tal-offerti għal-liċenzji tal-każinos u każijiet ġudizzjarji oħra, dwar atti amministrattivi, previsti li jiġu diskussi f'Settembru u f'Ottubru 2020. Parti mill-każ tal-każinos diġà nqatgħet favur l-Istat iżda għadu għaddej każ ieħor; l-awtoritajiet jistennew deċiżjoni finali dalwaqt.

- **Il-konċessjoni ta' Marina ta' Alimos:** Wara l-iffirmar tal-ftehim ta' konċessjoni f'Mejju, l-għeluq finanzjarju tat-tranżazzjoni kellu jseħħ fi żmien 120 jum. Il-Bord tal-Fond fit-3 ta' Settembru estenda l-120 jum għal 50 jum ieħor (sat-30 ta' Ottubru 2020) biex jippermetti żmien adegwat għat-tlestija tat-tranżazzjoni.

- **Hellenic Petroleum:** Wara l-falliment tal-ewwel offerta f'nofs l-2019 u meta jitqies it-tnaqqis sinifikanti fil-valur tal-kapitalizzazzjoni tal-kumpanija, il-Fond qies li hu xieraq li jkompli jmexxi lura t-tnedija tat-tranżazzjoni.

- **Il-bejgħ ta' 30 % tal-Ajruport Internazzjonali ta' Ateni:** Il-proċess tas-sejħa għall-offerti kien qed jipproċedi sew qabel it-tifqigħa tal-coronavirus, b'disa' partijiet għall-investiment jikkwalifikaw biex jipproċedu għall-Fażi tal-Offerti Vinkolanti. Madankollu, l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' offerti vinkolanti ttardjat minħabba l-impatt tal-pandemija fuq is-settur tat-trasport bl-ajru. Il-Fond se jiddetermina l-passi li jmiss ladarba s-sitwazzjoni titjieb, x'aktarx mhux qabel l-2021.

- **Il-Korporazzjoni Pubblika tal-Gass (DEPA):** Is-sejħiet għall-offerti għal DEPA Infrastructure u DEPA Commercial, imnedija f'Diċembru 2019 u f'Jannar 2020 rispettivament, attiraw interess qawwi ta' investiment. F'Ġunju 2020, il-Bord tal-Fond iddeċieda li jipproċedi għall-fażi ta' offerti vinkolanti għaż-żewġ tranżazzjonijiet.

- **Egnatia:** Il-proċess tal-privatizzazzjoni kompla, għalkemm bi progress imħallat. Xi wħud mill-kwistjonijiet miftuħa issolvew, bħall-inċertezza dwar il-kostruzzjoni ta' stazzjonijiet tas-servizz għas-sewwieqa u l-kost tar-riabilitazzjoni ta' pontijiet ikklassifikati bħala mhux sikuri. Madankollu, il-progress li sar kien limitat ħafna matul l-aħħar tliet xhur f'dak kollu li jirrigwarda t-tlestija tal-kostruzzjoni tal-istazzjonijiet li jifdal ta' pedaġġ u x-xogħlijiet meħtieġa sabiex l-14-il mina li fadal ikunu jistgħu jiġu liċenzjati. L-istituzzjonijiet Ewropej iħeġġu lill-awtoritajiet biex javvanzaw b'mod sinifikanti f'dawn l-oqsma saż-żmien tar-rapport li jmiss.

- **Portijiet Reġjonali:** Wara dewmien minħabba l-pandemija, f'Ġunju, il-Fond iddeċieda li jipproċedi bit-tnedija tal-proċess tas-sejħa għall-offerti għall-bejgħ ta' ishma għall-portijiet ta' Alexandroupolis u Igoumenitsa u s-sottokonċessjoni ta' terminal b'diversi użi għall-port ta' Kavala.

L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA U L-GOVERNANZA DIĠITALI

Il-ħatra ta' pożizzjonijiet ta' maniġment superjuri fis-settur pubbliku qed tkompli u d-delegazzjoni tal-kompetenzi mil-livell politiku għal dak mhux politiku qed tiġi applikata b'mod effiċjenti. Wara l-ħatriet ta' 13-il kariga ta' Segretarji Permanenti, il-proċess tal-

għażla għall-ħatra tal-aħħar kariga fil-Ministeru għall-Migrazzjoni u l-Asil huwa mistenni li jitlesta dalwaqt. Il-proċess tal-għażla għal karigi ta' direttur fil-ministeri huwa mistenni li jerġa' jinbeda dalwaqt bil-bordijiet tal-għażla issa jinkludu s-Segretarju Permanenti maħtur reċentement. Tħejjew abbozzi ta' dispożizzjonijiet biex jiġi stabbilit proċess tal-għażla uniformi għall-karigi tal-maniġment superjuri fl-entitajiet tas-settur pubbliku, u huma mistennija li jiġu adottati f'Settembru u jidħlu fis-seħħ f'Ottubru 2020. Iċ-ċarezza dwar il-proċess tal-għażla għall-maniġers involuti fil-ġestjoni tal-fondi strutturali tal-UE, li ffaċċja dewmien kbir, hija mistennija li tiġi stabbilita qabel il-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni għall-fondi tal-UE (2021-2027). Id-delega tal-kompetenzi mil-livell politiku għal dak mhux politiku, xi ħaġa ġdida kbira li ġabet il-Liġi tal-Istat Eżekuttiv tal-2019, qed tiġi applikata b'mod effiċjenti mid-dħul fis-seħħ tagħha fi Frar 2020 u l-awtoritajiet qed jikkunsidraw li jiddelegaw kompetenzi addizzjonali.

Sar progress tajjeb matul dan il-perjodu ta' rieżami fl-iżvilupp tas-Sistema ta' Ġestjoni tar-Riżorsi Umani, li huwa impenn speċifiku fi tmiem l-2019 li huwa mistenni li jitlesta sa tmiem l-2020. Dan l-eżerċizzju jinkludi l-iżvilupp ta' organigrammi diġitali u deskrizzjonijiet tal-impjiegi fil-gvern ġenerali kollu. Il-proċess ġie affettwat mill-miżuri ta' trażżin minħabba l-pandemija iżda b'mod ġenerali sar progress tajjeb. Sa Awwissu 2020, aktar minn 1 500 entità tal-gvern ġenerali kienu lestew l-organigramma diġitali tagħhom; dawn jirrappreżentaw madwar 80 % tal-entitajiet kollha u 85 % tal-persunal, inkluż il-biċċa l-kbira tal-entitajiet il-kbar. Il-maġġoranza tal-entitajiet akbar li fadal huma previsti li jitlestew sal-aħħar ta' Ottubru 2020. Ir-rabta bejn deskrizzjoni tal-impjieg u l-persuna li għandha l-impjieg ġiet stabbilita għal madwar 75 % tal-karigi u l-awtoritajiet qed jippjanaw li jistabbilixxu din ir-rabta għall-karigi kollha tal-entitajiet tal-gvern ġenerali sal-aħħar tal-2020.

F'Novembru, huwa mistenni li tiġi adottata Riforma li ttejjeb il-kapaċità tal-Kunsill Suprem għall-Għażla tal-Persunal Ċivili. Ir-riforma tistabbilixxi proċedura koerenti u uniformi għar-reklutaġġ. L-awtoritajiet qed iwettqu wkoll reviżjoni komprensiva tal-iskema tal-mobbiltà. F'dan ir-rigward, dispożizzjoni riċenti ([8]), li ppermettiet li sa 80 uffiċjal pubbliku jiġu ssekondati barra mill-iskema tal-mobbiltà, qed tqajjem tħassib minħabba li hemm ir-riskju li jinħoloq preċedent għall-ħolqien ta' proċeduri ta' reklutaġġ *ad hoc*.

Il-pandemija tal-coronavirus ittardjat xi ftit l-adozzjoni tal-Kodiċi tal-Liġi tax-Xogħol u l-Kodiċi tad-Dispożizzjonijiet Regolatorji tax-Xogħol ikkodifikati mill-ġdid, impenn speċifiku għal nofs l-2020. L-awtoritajiet qed jippjanaw li jadottaw il-liġijiet sa Novembru 2020. Il-proċess tal-kodifikazzjoni jintuża bħala opportunità biex jiġu rriveduti u mmodernizzati xi oqsma tal-leġiżlazzjoni tax-xogħol, inkluż forom ġodda ta' xogħol u r-rwol tal-ispettorat tax-xogħol, li ntlaqa' tajjeb ħafna (ara hawn fuq).

Rigward il-kodifikazzjoni legali, il-Kumitat Ċentrali tal-Kodifikazzjoni, wara l-istabbiliment mill-ġdid tiegħu f'Mejju 2020, qed jagħmel progress f'għadd ta' aspetti. Huwa ffinalizza u ppubblika l-manwal għall-kodifikazzjoni legali f'Lulju u ħejja abbozz tal-pjan annwali ta' kodifikazzjoni għall-2021. Il-pjan huwa mistenni li jiġi approvat f'Settembru. L-istituzzjonijiet Ewropej ħeġġew lill-awtoritajiet biex jinkludu fil-pjan, il-qafas leġiżlattiv tal-finanzjament tal-partiti. L-offerta għall-gateway nazzjonali għall-kodifikazzjoni legali, impenn speċifiku għal nofs l-2022, tnediet f'Ġunju 2020 u l-iffirmar tal-kuntratt huwa mistenni sal-aħħar tas-sena.

([8]) ĠU A 148, 31.07.2020, l-Artikolu 86.

Ir-reklutaġġ ta' persunal permanenti ġie ttardjat minħabba l-pandemija, filwaqt li t-tnaqqis previst ta' karigi temporanji wara l-konverżjoni tagħhom għal pożizzjonijiet permanenti għadu ma seħħx. Il-biċċa l-kbira tar-reklutaġġi l-ġodda tal-persunal permanenti għandhom l-għan li jsaħħu s-sistema tas-saħħa pubblika, l-iskejjel militari u l-Awtorità Indipendenti għad-Dħul Pubbliku. Madankollu, ir-reklutaġġ tal-persunal permanenti fl-2020 se jkun madwar 40 % anqas mill-pjan, filwaqt li l-għadd ta' persunal temporanju baqa' stabbli fl-ewwel nofs tal-2020 meta mqabbel ma' sena ilu. It-tnaqqis previst fil-pożizzjonijiet temporanji, wara l-konverżjoni tagħhom għal persunal permanenti, huwa mistenni li jseħħ sal-aħħar ta' Settembru 2020, tal-anqas għall-persunal tal-edukazzjoni impjegat fuq kuntratti permanenti. L-istituzzjonijiet Ewropej iħeġġu lill-awtoritajiet biex jimplimentaw it-tnaqqis mistenni tal-karigi temporanji li fadal matul il-perjodu ta' rieżami li jmiss. B'mod parallel, l-awtoritajiet qed iwettqu analiżi komprensiva tal-persunal temporanju, li hija mistennija li titlesta sa Ottubru 2020, bil-ħsieb li jitneħħew il-karigi ta' natura permanenti u qed jippjanaw li jistabbilixxu limitu massimu annwali fuq il-persunal temporanju sal-aħħar tas-sena.

Il-kumitat interministerjali inkarigat biex isaħħaħ il-kontroll ċentrali fuq il-grilja tal-pagi u l-proċeduri ta' reklutaġġ stabbilixxa tliet gruppi ta' ħidma. Huma mistennija li jiffukaw fuq l-istabbiliment ta' ħarsa ġenerali preċiża tad-dispożizzjonijiet kollha dwar is-salarji u r-reklutaġġ, sabiex il-kumitat interministerjali jippreżenta proposti dwar kif jitnaqqsu d-devjazzjonijiet mil-grilja tal-pagi u l-proċeduri ta' reklutaġġ unifikati.

It-trasformazzjoni diġitali ambizzjuża tal-amministrazzjoni pubblika u tal-ekonomija b'mod ġenerali tibqa' prijorità ewlenija għall-awtoritajiet. Biex isostnu dawn l-isforzi, huma għandhom l-għan li jippubblikaw l-istrateġija diġitali nazzjonali komprensiva ġdida ("Bibbja Diġitali") għall-konsultazzjoni pubblika dalwaqt. L-istrateġija hija mistennija li tistabbilixxi sensiela ta' madwar 300 proġett u tistabbilixxi sistema ta' ġestjoni tal-portafoll biex tissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom. L-enfasi hija fuq it-titjib tal-ħiliet diġitali, it-tranżazzjonijiet diġitali, it-titjib tal-interoperabbiltà u r-robustezza tas-sistemi tal-IT pubbliċi, u l-indirizzar tan-nuqqasijiet fil-konnettività. L-awtoritajiet taw ukoll proposta innovattiva għall-iżvilupp tal-ekosistema għall-applikazzjoni industrijali tat-teknoloġiji 5G (ara hawn fuq).

Għadd ta' proġetti diġà qed jitwettqu. L-awtoritajiet lestew l-istabbiliment tal-Programm Nazzjonali għas-Simplifikazzjoni tal-proċessi, li għandu l-għan li jtaffi l-piż amministrattiv għaċ-ċittadini u n-negozji. Il-portal pubbliku gov.gr s'issa joffri madwar 610 servizzi, aktar minn 110 mill-aħħar rieżami, u huma ppjanati madwar 40 servizz ġdid. Huwa mistenni li dalwaqt jiġi adottat Kodiċi Ġdid ta' Governanza Diġitali biex jinħoloq qafas legali komprensiv dwar il-politika diġitali. Qed jiġu indirizzati wkoll kwistjonijiet dwar l-infrastruttura diġitali u l-konnettività. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-awtoritajiet lestew l-ewwel passi għad-diġitalizzazzjoni ta' *data* ġeospazjali.

IL-ĠUSTIZZJA U L-ĠLIEDA KONTRA L-KORRUZZJONI

Ix-xogħol fuq it-tranżizzjoni għall-filing u l-ipproċessar elettroniku obbligatorju tad-dokumenti jinsab għaddej. L-awtoritajiet abbozzaw lista ta' inizjattivi ta' diġitalizzazzjoni. Il-kompiti li għandhom jitlestew sal-aħħar ta' Settembru 2020 jinkludu l-konsolidazzjoni ta' għadd ta' ċertifikati relatati mal-insolvenza u l-ħruġ ta' estratti mir-rekord ġudizzjarju u ċertifikati tad-divorzju elettroniċi. B'mod parallel, qed isiru sforzi biex jiġi implimentat mekkaniżmu għad-distribuzzjoni tal-firem diġitali, li se jtejjeb b'mod sinifikanti t-tmexxija effiċjenti u rapida tan-notifiki u jżid iċ-ċertezza legali.

Il-proċedura tal-offerti għat-tieni fażi tas-Sistema Integrata għall-Ġestjoni tal-Kawżi Ġudizzjarji, impenn speċifiku għal nofs l-2020, issa hija skedata li titlesta sa Diċembru 2020. Il-proċedura ġiet estiża minħabba tfixkil ikkawżat mill-pandemija tal-coronavirus. Wara s-sottomissjoni tal-offerti, l-awtoritajiet huma fil-proċess li jevalwaw l-offerti. It-tlestija tal-proġett hija prevista fi żmien 36 xahar mill-iffirmar tal-kuntratt.

L-awtoritajiet adottaw leġiżlazzjoni għall-ħolqien ta' swali speċjalizzati fil-qrati ċivili u amministrattivi u qegħdin jipproċedu b'għadd ta' inizjattivi importanti oħra, bil-għan li tiżdied l-effikaċja u l-effiċjenza tal-ġustizzja. Il-ħolqien ta' swali speċjali f'ġurisdizzjonijiet ċivili f'Ateni u f'Tessaloniki jippermetti, fost oħrajn, li jiġu indirizzati kawżi ta' importanza ekonomika kbira. Il-leġiżlazzjoni tippermetti l-ħolqien ta' swali speċjali anki fi qrati amministrattivi akbar, u f'ċerti qrati tal-Maġistrati fir-rigward ta' każijiet ta' insolvenza ta' unitajiet domestiċi. Rapport sħiħ dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni msemmija huwa mistenni sal-aħħar ta' Ottubru 2020. L-awtoritajiet adottaw ukoll il-Kodiċi ta' Proċedura quddiem il-Qorti tal-Awdituri u qegħdin jipproċedu bl-adozzjoni tal-Kodiċi tal-Persunal Ġudizzjarju u l-Kodiċi dwar l-Istatus tal-Imħallfin u l-Organizzazzjoni tal-Qrati, li kollha kemm huma jintroduċu reviżjonijiet li għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-funzjoni tal-ġustizzja u s-suċċess ta' riformi oħra tal-ġustizzja. Il-medjazzjoni obbligatorja hija kompletament fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2020 u huwa previst pjan ta' azzjoni li jiddeskrivi fid-dettall l-użu tal-attivitajiet rilevanti sa Novembru 2020. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-awtoritajiet adottaw leġiżlazzjoni għall-ħolqien tal-unità "JustStat" għall-ġbir ta' *data* statistika f'Ġunju 2020 u qed jippjanaw li jabbozzaw il-leġiżlazzjoni sekondarja rilevanti sa Diċembru 2020.

Il-Pjan Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni qed juri riżultati inkoraġġanti. Pass sinifikanti riċenti jikkonċerna l-operazzjonalizzazzjoni tal-Korp Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Awditjar u r-Responsabbiltà (ESOEL) f'Ġunju 2020, inkarigat minn attivitajiet li jikkoordinaw il-ġlieda kontra l-korruzzjoni taħt l-awspiċi tal-Awtorità Nazzjonali għat-Trasparenza. Qed jiġu żviluppati pjanijiet settorjali kontra l-korruzzjoni fis-setturi tas-saħħa u tal-akkwist pubbliku, li se jikkontribwixxu għall-ġestjoni effiċjenti tal-fondi, inkluż mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-Awtorità Nazzjonali għat-Trasparenza saħħet il-pilastru tas-sensibilizzazzjoni tal-portafoll tagħha u għamlet progress fit-titjib tas-sistemi pubbliċi tal-kontroll intern, tas-sistema nazzjonali tal-integrità u tar-regolamentazzjoni tal-attivitajiet ta' lobbying. L-Awtorità għandha ssir kompletament operattiva sa Novembru 2020. L-awtoritajiet stabbilew kumitat biex jissorvelja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) iżda l-proġett x'aktarx li se jaqa' lura wara t-tifqigħa tal-pandemija.

Ir-rapport dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi għas-sena 2018 sar disponibbli għall-pubbliku u, għall-ewwel darba, wassal għall-impożizzjoni ta' multi lil disa' partiti politiċi. Dan huwa pass kbir 'il quddiem lejn żieda fit-trasparenza fl-isfera politika. Ir-rapport ta informazzjoni dettaljata dwar il-misapproprjazzjoni li ġiet investigata. Il-ħidma tal-kumitat għall-2019, li kienet sena li kien fiha aktar minn elezzjoni waħda, ġiet ittardjata minħabba l-pandemija tal-coronavirus u għandha tibda sa Ottubru 2020.